2024/2981

4.12.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2981

tat-28 ta' Novembru 2024

li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward taċ-ċertifikazzjoni tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5c(6) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 5c tar-Regolament (UE) Nru 910/2014, iċ-ċertifikazzjoni tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali ("kartieri") trid ssir f'konformità mar-rekwiżiti funzjonali, taċ-ċibersigurtà u tal-protezzjoni tad-*data* biex ikun żgurat livell għoli tas-sigurtà u ta' fiduċja fil-kartieri. Dawk ir-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni jeħtieġ jiġu armonizzati fost l-Istati Membri kollha biex tkun evitata l-frammentazzjoni tas-suq u jinbena qafas sod.

(2) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) u, meta rilevanti, id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) japplikaw għall-attivitajiet tal-ipproċessar tad-*data* personali skont dan ir-Regolament.

(3) Il-Kummissjoni tivvaluta regolarment teknoloġiji, prattiki, standards jew speċifikazzjonijiet tekniċi ġodda. Biex ikun żgurat l-aqwa livell ta' armonizzazzjoni fost l-Istati Membri għall-iżvilupp u ċ-ċertifikazzjoni tal-kartieri, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti f'dan ir-Regolament jiddependu fuq il-ħidma mwettqa abbażi tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/946 tat-3 ta' Ġunju 2021 dwar Sett ta' Għodod komuni tal-Unjoni għal approċċ ikkoordinat lejn Qafas Ewropew għall-Identità Diġitali ([4]) u b'mod partikolari l-Arkitettura u l-Qafas ta' Referenza li huma parti minnu. F'konformità mal-premessa 75 tar-Regolament (UE) 2024/1183 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]), il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrieżamina u taġġorna dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, jekk meħtieġ, biex iżżommu konformi mal-iżviluppi dinjin, l-Arkitettura u l-Qafas ta' Referenza u biex ikun skont l-aħjar prattiki fis-suq intern.

(4) Biex tiġi attestata l-konformità mar-rekwiżiti taċ-ċibersigurtà inklużi fil-qafas taċ-ċertifikazzjoni, iċ-ċertifikazzjoni tas-soluzzjonijiet tal-kartiera jenħtieġ li tkun tirreferi, meta disponibbli u rilevanti, għall-iskemi Ewropej taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]). Meta ma jkunx hemm skemi bħal dawn, jew meta dawn ikunu jkopru parzjalment ir-rekwiżiti taċ-ċibersigurtà, dan ir-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali li japplikaw għall-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni, li jkopru r-rekwiżiti funzjonali, taċ-ċibersigurtà u tal-protezzjoni tad-*data*.

([1]) ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/910/oj.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj).

([3]) Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-*data* personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37, ELI:http://data.europa.eu/eli/dir/2002/58/oj).

([4]) ĠU L 210, 14.6.2021, p. 51, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2021/946/oj.

([5]) Ir-Regolament (UE) 2024/1183 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 fir-rigward tal-istabbiliment tal-Qafas Ewropew għall-Identità Diġitali (ĠU L 2024/1183, 30.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1183/oj).

([6]) Ir-Regolament (UE) 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-ENISA (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà) u dwar iċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 526/2013 (l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà) (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 15, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/881/oj).

(5) Skont l-Artikolu 5a(11) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014, il-kartieri jridu jiġu ċċertifikati b'livell għoli tal-assigurazzjoni kif stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 910/2014, kif ukoll fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1502 ([7]). Dak il-livell tal-assigurazzjoni jrid jintlaħaq mis-soluzzjoni ġenerali tal-kartiera. Skont dan ir-Regolament, xi komponenti tas-soluzzjoni tal-kartiera jistgħu jiġu ċċertifikati b'livell aktar baxx tal-assigurazzjoni, diment li dan ikun debitament ġustifikat u mingħajr preġudizzju għal-livell għoli tal-assigurazzjoni milħuq mis-soluzzjoni ġenerali.

(6) L-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni jenħtieġ li lkoll jassenjaw sid tal-iskema li jkun responsabbli mill-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-iskema taċ-ċertifikazzjoni. Is-sid tal-iskema jista' jkun korp tal-valutazzjoni tal-konformità, korp jew awtorità governattiva, assoċjazzjoni kummerċjali, grupp ta' korpi tal-valutazzjoni tal-konformità, jew xi korp xieraq, u dan jista' jkun differenti mill-korp li jħaddem l-iskema nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni.

(7) L-oġġett taċ-ċertifikazzjoni jenħtieġ li jkun jinkludi l-komponenti tas-software tas-soluzzjoni tal-kartiera, bħall-istanza tal-kartiera. L-applikazzjoni kriptografika sigura tal-kartiera ("WSCA"), l-apparat kriptografiku sigur tal-kartiera ("WSCD") u l-pjattaformi li fuqhom jiġu eżegwiti dawn il-komponenti tas-software, filwaqt li jkunu parti mill-ambjent operattiv, jenħtieġ li jiġu inklużi fl-oġġett taċ-ċertifikazzjoni biss meta dawn jiġu pprovduti mis-soluzzjoni tal-kartiera. F'każijiet oħra, u b'mod partikolari meta dawn l-apparati u l-pjattaformi jiġu pprovduti mill-utenti finali, il-forniturі jenħtieġ li jistabbilixxu suppożizzjonijiet dwar l-ambjent operattiv tas-soluzzjoni tal-kartiera, inkluż dwar dawn l-apparati u l-pjattaformi, u jimplimentaw miżuri biex jikkonfermaw li fil-prattika dawn is-suppożizzjonijiet ikunu qed jiġu vverifikati. Biex tkun żgurata l-protezzjoni tal-assi kritiċi permezz tal-hardware u s-software tas-sistema użati għall-ġestjoni u l-protezzjoni tal-kjavi kriptografiċi maħluqa, maħżuna jew ipproċessati mid-WSCD, id-WSCD jeħtieġ jissodisfa standards għoljin taċ-ċertifikazzjoni kif riflessi fi standards internazzjonali bħall-Kriterji Komuni ("EUCC"), stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/482 ([8]), mill-evalwazzjoni tal-EAL4 u l-analiżi tal-vulnerabbiltà metodika avvanzata, bħal dawk komparabbli ma' AVA_VAN.5. Dawn l-istandards taċ-ċertifikazzjoni jenħtieġ li jintużaw sa mhux aktar tard minn meta ssir iċ-ċertifikazzjoni tal-konformità tal-kartieri, permezz ta' skema Ewropea taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà adottata skont ir-Regolament (UE) 2019/881.

(8) Kartieri kompletament mobbli, siguri u faċili għall-utenti huma appoġġati bid-disponibbiltà ta' soluzzjonijiet standardizzati u ċċertifikati għal kontra t-tbagħbis, bħal elementi siguri inkorporati, apparati esterni bħal smartcards, jew pjattaformi tas-SIM inkorporati fl-apparati mobbli. Hu importanti li jkun żgurat l-aċċess fil-ħin għall-elementi siguri inkorporati għall-mezzi tal-eID u l-kartieri nazzjonali u li jiġu kkoordinati l-isforzi tal-Istati Membri f'dan il-qasam. Għalhekk, il-Grupp ta' Kooperazzjoni Ewropew dwar l-Identità Diġitali stabbilit skont l-Artikolu 46e(1) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 ("il-Grupp ta' Kooperazzjoni"), jenħtieġ li jistabbilixxi sottogrupp iddedikat għal dan l-għan. Filwaqt li jikkonsulta lill-partijiet ikkonċernati rilevanti, dan is-sottogrupp jenħtieġ li jaqbel fuq pjan direzzjonali konġunt għall-aċċess għall-elementi siguri inkorporati li jridu jiġu kkunsidrati mill-Kummissjoni għar-rapport ta' rieżami dwar ir-Regolament (UE) Nru 910/2014. Barra minn hekk, biex tiġi ffaċilitata l-adozzjoni tal-kartiera fil-livell nazzjonali, il-Kummissjoni, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri, jenħtieġ li tiżviluppa manwal għall-każijiet tal-użu bħala parti mill-Qafas tal-Arkitettura u r-Referenza, u taġġornah kontinwament.

(9) L-oġġett taċ-ċertifikazzjoni tal-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni jenħtieġ li jinkludi wkoll il-proċessi użati biex tingħata u titħaddem is-soluzzjoni tal-kartiera, anke jekk id-definizzjoni jew l-eżekuzzjoni ta' dawk il-proċessi jiġu sottokuntrattati lil partijiet terzi. Biex jintwera li l-proċessi jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-iskemi, l-informazzjoni dwar l-assigurazzjoni tista' tintuża bħala evidenza, diment li tintuża analiżi tad-dipendenza biex jiġi determinat jekk l-informazzjoni dwar l-assigurazzjoni hix suffiċjenti. L-informazzjoni dwar l-assigurazzjoni tiġi f'ħafna forom differenti, inkluż b'rapporti u ċertifikati tal-konformità, li jistgħu jkunu privati, nazzjonali, Ewropej jew internazzjonali, abbażi ta' standards jew speċifikazzjonijiet tekniċi. L-objettiv tal-analiżi tad-dipendenza hu li tivvaluta l-kwalità tal-informazzjoni dwar l-assigurazzjoni disponibbli b'rabta mal-komponenti ta' kartiera.

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1502 tat-8 ta' Settembru 2015 li jistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi u proċeduri minimi għal-livelli ta' assigurazzjoni għall-mezzi ta' identifikazzjoni elettronika skont l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern (ĠU L 235, 9.9.2015, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2015/1502/oj).

([8]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/482 tal-31 ta' Jannar 2024 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-adozzjoni tal-iskema Ewropea taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà bbażata fuq il-Kriterji Komuni (EUCC), (ĠU L, 2024/482, 7.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/482/oj).

(10) Skont il-proċeduri stabbiliti għal dan l-għan, il-Grupp ta' Kooperazzjoni jenħtieġ li jkun jista' jipprovdi opinjonijiet u rakkomandazzjonijiet dwar l-abbozzi tal-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni sottomessi għandu. Dawn l-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni jenħtieġ li jkunu speċifiċi għall-arkitettura tal-kartiera u jenħtieġ li jkun hemm profili speċifiċi għal kull arkitettura speċifika appoġġata.

(11) Biex ikun żgurat fehim komuni u approċċ armonizzat għall-valutazzjoni tal-aktar riskji kritiċi li jistgħu jaffettwaw il-forniment u t-tħaddim tal-kartieri, jenħtieġ li jitfassal reġistru tar-riskji u t-theddid biex jitqies meta jitfasslu s-soluzzjonijiet tal-kartiera indipendentement mill-arkitettura speċifika tagħhom. L-objettivi taċ-ċibersigurtà deskritti fir-Regolament (UE) Nru 910/2014, bħall-kunfidenzjalità, l-integrità u d-disponibbiltà tas-soluzzjoni tal-kartiera, kif ukoll il-privatezza tal-utent u tad-*data*, jenħtieġ li jitqiesu meta jiġu identifikati liema riskji jridu jiġu inklużi fir-reġistru. Il-kunsiderazzjoni dovuta tar-riskji u t-theddid inklużi f'dan ir-reġistru tar-riskji jenħtieġ li tkun parti mir-rekwiżiti tal-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni. Biex jinżamm konformi max-xenarju tat-theddid li qed jevolvi kontinwament, ir-reġistru tar-riskju jenħtieġ li jinżamm u jiġi aġġornat regolarment b'kollaborazzjoni mal-Grupp ta' Kooperazzjoni.

(12) Meta jistabbilixxu l-iskemi taċ-ċertifikazzjoni tagħhom, is-sidien tal-iskemi jenħtieġ li jagħmlu valutazzjoni tar-riskju biex jirfinaw u jikkumplimentaw ir-riskji u t-theddid elenkati fir-reġistru b'riskji u theddidiet speċifiċi għall-arkitettura jew l-implimentazzjoni tas-soluzzjoni tal-kartiera. Il-valutazzjoni tar-riskju jenħtieġ li tqis kif ir-riskji u t-theddidiet applikabbli jistgħu jiġu trattati b'mod xieraq. Il-forniturі tal-kartieri jenħtieġ li jikkumplimentaw il-valutazzjoni tar-riskju tal-iskema biex jidentifikaw kwalunkwe riskju u theddid speċifiku għall-implimentazzjoni tagħhom u jipproponu miżuri ta' trattament xierqa ħalli jevalwahom il-korp taċ-ċertifikazzjoni.

(13) Biex jintwera li arkitettura ta' soluzzjoni tal-kartiera tkun tissodisfa r-rekwiżiti tas-sigurtà applikabbli, kull skema jew profil speċifiku għall-arkitettura jenħtieġ li jkun fih imqar deskrizzjoni tal-arkitettura tas-soluzzjoni tal-kartiera, lista tar-rekwiżiti tas-sigurtà applikabbli għall-arkitettura tas-soluzzjoni tal-kartiera, pjan ta' evalwazzjoni biex jiġi kkonfermat li soluzzjoni tal-kartiera bbażata fuq din l-arkitettura tissodisfa dawk ir-rekwiżiti, u valutazzjoni tar-riskju. L-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni jenħtieġ li jeżiġu li l-forniturі tal-kartieri juru kif id-disinn tas-soluzzjoni tal-kartiera li jipprovdu, ikun jaqbel mal-arkitettura ta' referenza u jagħtu dettalji dwar il-kontrolli tas-sigurtà u l-pjanijiet ta' validazzjoni għas-soluzzjoni speċifika tal-kartiera. L-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni jenħtieġ li jiddefinixxu wkoll attività tal-valutazzjoni tal-konformità biex jivverifikaw li d-disinn tal-kartiera jkun jirrifletti sew l-arkitettura ta' referenza tal-profil magħżul. L-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni jenħtieġ li jkunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) 2019/881, ħlief għall-punti (e) u (f) tiegħu, relatati mar-reġistrazzjoni tad-*data*.

(14) Fir-rigward taċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti, iċ-ċertifikati tal-konformità maħruġa bl-iskema taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tal-UE dwar l-EUCC, u ċ-ċertifikati tal-konformità maħruġa bl-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni fil-kuntest tal-Ftehim dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku SOG-IS, jenħtieġ li jitħallew jintużaw. Barra minn hekk, l-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni l-oħrajn jenħtieġ li jitħallew jintużaw għal komponenti tal-prodotti inqas sensittivi, bħal dawk stabbiliti skont l-istandard CEN EN 17640 għal metodoloġija tal-evalwazzjoni taċ-ċibersigurtà b'ħin fiss.

(15) Jenħtieġ li tintuża l-Marka Fiduċjarja tal-UE għall-Kartieri tal-Identità Diġitali ("Marka Fiduċjarja") biex tindika b'mod ċar, sempliċi u li jintgħaraf li kartiera tkun ingħatat f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 910/2014. Għalhekk, din jenħtieġ li titqies bħala marka tal-konformità għal soluzzjoni tal-kartiera ċċertifikata bi skemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni. L-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni jenħtieġ li ma jiddefinixxu l-ebda marka oħra tal-konformità.

(16) Biex jiskoraġġixxu l-frodi, l-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni jenħtieġ li jiddefinixxu l-azzjonijiet li jridu jittieħdu meta jiġi ddikjarat b'mod frawdolenti li ċertifikazzjoni ngħatat bl-iskema.

(17) Biex jiżguraw ġestjoni effiċjenti tan-notifiki tal-vulnerabbiltà, il-fornituri tas-soluzzjonijiet tal-kartiera u l-iskema tal-identifikazzjoni elettronika li biha jingħataw, jenħtieġ li jkunu jiddefinixxu u jimplimentaw proċessi biex jevalwaw is-severità u l-impatt potenzjali tal-vulnerabbiltajiet. L-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni jenħtieġ li jistabbilixxu stadju meta l-korp taċ-ċertifikazzjoni jkun irid jiġi notifikat. Dan ir-rekwiżit tan-notifika jenħtieġ li ma jkunx jaffettwa l-kriterji stabbiliti mil-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* u mill-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* tal-Istati Membri b'rabta man-notifiki tal-ksur tad-*data* personali. Jistgħu jinħolqu sinerġiji possibbli bejn in-notifika obbligatorja f'każ ta' ksur jew kompromess tas-soluzzjonijiet tal-kartiera, u n-notifika f'każ ta' ksur tad-*data* personali skont ir-Regolament (UE) 2016/679. Il-valutazzjoni tal-korp taċ-ċertifikazzjoni ta' rapport ta' analiżi tal-impatt tal-vulnerabbiltà jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni mill-awtorità tal-protezzjoni tad-*data* ta' valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data* skont l-Artikoli 35 u 36 tar-Regolament (UE) 2016/679.

(18) Il-fornituri tas-soluzzjonijiet tal-kartiera u l-iskema tal-identifikazzjoni elettronika li biha jingħataw, jenħtieġ li jinnotifikaw lil sid l-iskema dwar kull ġustifikazzjoni għall-eċċezzjonijiet għall-valutazzjoni tal-vulnerabbiltajiet meħtieġa għall-evalwazzjoni tad-WSCD u tad-WSCA, kif stabbilit fl-Anness IV.

(19) Il-kanċellazzjoni ta' ċertifikat tal-konformità tista' tħalli konsegwenzi gravi, bħar-revoka ta' kull unità tal-kartiera introdotta. Għalhekk, il-korpi taċ-ċertifikazzjoni jenħtieġ li jqisu l-kanċellazzjoni biss jekk vulnerabbiltà mhux rimedjata aktarx li tkun taffettwa ġmielha l-affidabbiltà tas-soluzzjoni tal-kartiera jew l-affidabbiltà ta' soluzzjoni oħra tal-kartiera.

(20) Jenħtieġ li jinħoloq proċess speċifiku għall-aġġornament tal-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni ħalli tiġi mmaniġġjata t-tranżizzjoni bejn l-edizzjonijiet suċċessivi tal-iskemi, b'mod partikolari fir-rigward tal-azzjonijiet li jrid jieħu d-detentur taċ-ċertifikat fir-rigward tal-evalwazzjonijiet, il-manutenzjoni, iċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid u l-evalwazzjonijiet speċjali li jkun imiss.

(21) Biex tiġi ffaċilitata t-trasparenza, il-fornituri tal-kartieri jenħtieġ li jaqsmu pubblikament l-informazzjoni dwar is-sigurtà b'rabta mas-soluzzjoni tal-kartiera tagħhom.

(22) Meta l-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni jkunu jiddependu fuq informazzjoni tal-assigurazzjoni mingħand skemi taċ-ċertifikazzjoni jew sorsi oħra, jenħtieġ li ssir analiżi tad-dipendenza ħalli jiġi vverifikat li d-dokumentazzjoni tal-assigurazzjoni, pereżempju r-rapporti tal-assigurazzjoni u ċ-ċertifikati tal-konformità, tkun disponibbli u adegwata għas-soluzzjonijiet tal-kartiera u għall-iskema tal-identifikazzjoni elettronika li biha jingħataw. Il-bażi ta' din l-analiżi tad-dipendenza jenħtieġ li tkun il-valutazzjoni tar-riskju tas-soluzzjonijiet tal-kartiera u l-iskema tal-identifikazzjoni elettronika li biha jingħataw. L-evalwazzjoni jenħtieġ li tiddetermina jekk id-dokumentazzjoni tal-assigurazzjoni disponibbli għal soluzzjoni partikolari tal-kartiera u l-iskema tal-identifikazzjoni elettronika li biha tingħata hix xierqa biex tipprovdi assigurazzjoni li tikkorrispondi għal-livell tal-evalwazzjoni mmirat. L-evalwazzjoni jenħtieġ li taġġorna wkoll l-analiżi tad-dipendenza, jew terġa' tevalwaha għalkollox, meta meħtieġ.

(23) Il-korpi taċ-ċertifikazzjoni jenħtieġ li joħorġu ċertifikati tal-konformità bl-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni, flimkien ma' rapport taċ-ċertifikazzjoni disponibbli għall-pubbliku, kif imsemmi fl-Artikolu 5d(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 910/2014. Ir-rapport tal-valutazzjoni taċ-ċertifikazzjoni assoċjat jenħtieġ li jkun disponibbli għall-Grupp ta' Kooperazzjoni.

(24) L-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni jenħtieġ li jistabbilixxu evalwazzjoni tas-sorveljanza annwali biex jiżguraw li l-proċessi għall-ġestjoni u l-manutenzjoni tal-kartieri jkunu qed joperaw b'mod effettiv, jiġifieri li joperaw kif definit fil-politiki li jiddeterminaw il-proċessi. Il-valutazzjoni biennali tal-vulnerabbiltà hija rekwiżit li joħroġ mir-Regolament (UE) Nru 910/2014, biex ikun żgurat li s-soluzzjoni tal-kartiera tibqa' tkopri kif xieraq ir-riskji u t-theddidiet għaċ-ċibersigurtà identifikati fir-reġistru tar-riskji, inkluż kull evoluzzjoni tax-xenarju tat-theddid. Il-kunċetti ta' evalwazzjonijiet tas-sorveljanza, ta' evalwazzjonijiet taċ-ċertifikazzjonijiet mill-ġdid u ta' evalwazzjonijiet speċjali jenħtieġ li jkunu f'konformità mal-EN ISO/IEC 17021-1:2015.

(25) Ċiklu ta' ċertifikazzjoni jkun jintemm malli jiskadi ċ-ċertifikat tal-konformità, jew malli joħroġ ċertifikat tal-konformità ġdid, wara li tirnexxi l-evalwazzjoni ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid. L-evalwazzjoni taċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid jenħtieġ li tinkludi evalwazzjoni tal-komponenti kollha tal-oġġett taċ-ċertifikazzjoni, inkluż evalwazzjoni tal-effettività u, meta applikabbli, valutazzjoni tal-vulnerabbiltà. Waqt iċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid, jenħtieġ li jkunu jistgħu jerġgħu jintużaw ir-riżultati ta' evalwazzjonijiet preċedenti ta' komponenti mhux mibdula.

(26) Meta tiġi adottata skema Ewropea taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà, l-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni bl-istess ambitu jenħtieġ li ma jibqgħux joħorġu ċertifikazzjonijiet wara perjodu tat-tranżizzjoni definit kif imsemmi fl-Artikolu 57(1) tar-Regolament (UE) 2019/881.

(27) L-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni jenħtieġ li jistrieħu fuq oqfsa eżistenti u jużaw mill-ġdid l-evidenza kif xieraq biex jiżguraw l-armonizzazzjoni u l-interoperabbiltà. L-Istati Membri jistgħu jikkonkludu ftehimiet għall-użu mill-ġdid transfruntier ta' xi skemi taċ-ċertifikazzjoni jew partijiet minnhom. Il-Kummissjoni Ewropea u l-ENISA, b'kooperazzjoni mal-Grupp ta' Kooperazzjoni, jenħtieġ li jappoġġaw lill-Istati Membri fl-iżvilupp u ż-żamma tal-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni tagħhom filwaqt li jiżguraw il-kondiviżjoni tal-għarfien u l-aqwa prattiki.

(28) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]), u ta l-opinjoni tiegħu fit-30 ta' Settembru 2024.

(29) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 48(1) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi standards ta' referenza u speċifikazzjonijiet u proċeduri biex jinbena qafas sod għaċ-ċertifikazzjoni tal-kartieri li jrid jiġi aġġornat b'mod regolari biex jibqa' konformi mal-iżviluppi teknoloġiċi u fl-istandards u mal-ħidma li ssir skont ir-Rakkomandazzjoni (UE) 2021/946 dwar Sett ta' Għodod komuni tal-Unjoni għal approċċ ikkoordinat lejn Qafas Ewropew għall-Identità Diġitali, u b'mod partikolari l-Arkitettura u l-Qafas ta' Referenza.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "soluzzjoni tal-kartieri" tfisser taħlita ta' software, hardware, servizzi, u konfigurazzjonijiet, inkluż l-istanzi tal-kartiera, applikazzjoni kriptografika sigura waħda jew aktar tal-kartieri, u apparat kriptografiku sigur wieħed jew aktar tal-kartieri;

(2) "sid tal-iskema" tfisser organizzazzjoni li tkun responsabbli biex tiżviluppa u tħaddem skema taċ-ċertifikazzjoni;

(3) "oġġett taċ-ċertifikazzjoni" tfisser prodotti, proċessi u servizzi, jew kombinament tagħhom, li għalihom japplikaw ir-rekwiżiti speċifikati;

(4) "applikazzjoni kriptografika sigura tal-kartieri" tfisser applikazzjoni li timmaniġġja l-assi kritiċi billi tkun marbuta mal-funzjonijiet kriptografiċi u mhux kriptografiċi pprovduti mill-apparat kriptografiku sigur tal-kartieri, u tużahom;

(5) "istanza tal-kartiera" tfisser l-applikazzjoni installata u kkonfigurata fuq l-apparat jew l-ambjent ta' utent tal-kartiera, li hu parti minn unità tal-kartiera, u li l-utent tal-kartiera juża biex jinteraġixxi mal-unità tal-kartiera;

([9]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).

(6) “apparat kriptografiku sigur tal-kartieri” tfisser apparat reżistenti għat-tbagħbis li jipprovdi ambjent li jkun marbut ma’ u jintuża mill-applikazzjoni kriptografika sigura tal-kartieri biex jipproteġi l-assi kritiċi u jipprovdi funzjonijiet kriptografiċi għall-eżekuzzjoni sigura ta’ operazzjonijiet kritiċi;

(7) “reġistru tar-riskju” tfisser reġistrazzjoni tal-informazzjoni rilevanti għall-proċess taċ-ċertifikazzjoni dwar ir-riskji identifikati;

(8) “fornitur tal-kartieri” tfisser persuna fiżika jew ġuridika li tipprovdi soluzzjonijiet tal-kartieri;

(9) “korp taċ-ċertifikazzjoni” tfisser korp tal-valutazzjoni tal-konformità ta’ parti terza li jopera skemi taċ-ċertifikazzjoni;

(10) “unità tal-kartiera” tfisser konfigurazzjoni unika ta’ soluzzjoni tal-kartieri li tinkludi l-istanzi tal-kartiera, l-applikazzjonijiet kriptografiċi siguri tal-kartieri u l-apparati kriptografiċi siguri tal-kartieri pprovduti minn fornitur tal-kartieri lil utent individwali tal-kartiera;

(11) “assi kritiċi” tfisser assi fi ħdan jew b’rabta ma’ unità tal-kartiera li jkollhom importanza tant straordinarja li meta d-disponibbiltà, il-kunfidenzjalità jew l-integrità tagħhom jiġu kompromessi, dan iħalli effett debilitanti serju ħafna fuq il-kapaċità li wieħed jiddependi fuq dik l-unità tal-kartiera;

(12) “utent tal-kartiera” tfisser utent li jkollu l-kontroll tal-unità tal-kartiera;

(13) “inċident” tfisser inċident kif definit fil-punt (6) tal-Artikolu 6 tad-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([10]);

(14) “politika tal-iżvelar inkorporat” tfisser sett ta’ regoli, inkorporati f’attestazzjoni elettronika tal-attributi mill-fornitur tagħha, li tindika l-kundizzjonijiet li parti dipendenti fuq kartiera trid tissodisfa biex taċċessa l-attestazzjoni elettronika tal-attributi;

KAPITOLU II

SKEMI NAZZJONALI TAĊ-ĊERTIFIKAZZJONI

Artikolu 3

Stabbiliment ta’ skemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jassenjaw sid tal-iskema għal kull skema nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni.

2. L-oġġett taċ-ċertifikazzjoni definit fl-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandu jkun il-forniment u t-tħaddim ta’ soluzzjonijiet tal-kartiera u tal-iskemi tal-identifikazzjoni elettronika li bihom jingħataw.

3. F’konformità mar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2015/1502, l-oġġett taċ-ċertifikazzjoni fl-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandu jinkludi l-elementi li ġejjin:

(a) il-komponenti tas-software, inkluż il-konfigurazzjonijiet ta’ soluzzjoni tal-kartiera u tal-iskema tal-identifikazzjoni elettronika li biha jingħataw is-soluzzjonijiet tal-kartiera;

(b) il-komponenti u l-pjattaformi tal-hardware li fuqhom ikunu jaħdmu jew ikunu jiddependu l-komponenti tas-software msemmija fil-punt (b) għal operazzjonijiet kritiċi, meta dawn jingħataw direttament jew indirettament mis-soluzzjoni tal-kartiera u mill-iskema tal-identifikazzjoni elettronika li biha jingħataw, u meta jkunu meħtieġa jissodisfaw il-livell tal-assigurazzjoni mixtieq għal dawk il-komponenti tas-software. Meta l-komponenti u l-pjattaformi tal-hardware ma jingħatawx mill-fornitur tal-kartiera, l-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandhom jiffurmulaw suppożizzjonijiet għall-evalwazzjoni tal-komponenti tal-hardware u tal-pjattaformi, li skonthom tista’ tiġi pprovduta reżistenza kontra l-aggressuri b’potenzjal qawwi ta’ attakk f’konformità mar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2015/1502, u għandhom jispeċifikaw l-attivitajiet tal-evalwazzjoni li jikkonfermaw dawn is-suppożizzjonijiet kif imsemmi fl-Anness IV;

([10]) Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta’ ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (Direttiva NIS 2) (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 80, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2022/2555/oj).

(c) il-proċessi li jappoġġaw il-forniment u t-tħaddim ta' soluzzjoni tal-kartiera, inkluż il-proċess ta' inklużjoni tal-utenti kif imsemmi fl-Artikolu 5a tar-Regolament (UE) Nru 910/2014, li jkopru mill-inqas ir-reġistrazzjoni, il-ġestjoni tal-mezzi elettroniċi u l-organizzazzjoni skont it-taqsima 2.1, 2.2 u 2.4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1502.

4. L-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandhom jinkludu deskrizzjoni tal-arkitettura speċifika tas-soluzzjonijiet tal-kartiera u tal-iskema tal-identifikazzjoni elettronika li biha jingħataw. Meta l-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni jkunu jkopru aktar minn arkitettura speċifika waħda, dawn għandhom jinkludu profil għal kull arkitettura speċifika.

5. Għal kull profil, l-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandhom jistabbilixxu mill-inqas dan li ġej:

(a) l-arkitettura speċifika ta' soluzzjoni tal-kartiera u tal-iskema tal-identifikazzjoni elettronika li biha jingħataw;

(b) il-kontrolli tas-sigurtà assoċjati mal-livelli tal-assigurazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 910/2014;

(c) pjan tal-evalwazzjoni mfassal f'konformità mat-taqsima 7.4.1 tal-EN ISO/IEC 17065:2012;

(d) ir-rekwiżiti tas-sigurtà meħtieġa biex jiġu indirizzati r-riskji u t-theddid taċ-ċibersigurtà elenkati fir-reġistru tar-riskji stabbilit fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, sal-livell tal-assigurazzjoni meħtieġ, u biex jiġu ssodisfati, meta applikabbli, l-objettivi definiti fl-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) 2019/881;

(e) immeppjar tal-kontrolli msemmija fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu għall-komponenti tal-arkitettura;

(f) deskrizzjoni ta' kif il-kontrolli tas-sigurtà, l-immappjar, ir-rekwiżiti tas-sigurtà u l-pjan tal-evalwazzjoni msemmija fil-punti (b) u (c) jippermettu lill-forniturі tas-soluzzjonijiet tal-kartiera u l-iskema tal-identifikazzjoni elettronika li biha jingħataw, ikunu jindirizzaw kif xieraq ir-riskji u t-theddidiet taċ-ċibersigurtà identifikati fir-reġistru tar-riskju msemmi fil-punt (d), sal-livell tal-assigurazzjoni meħtieġ abbażi ta' valutazzjonijiet tar-riskju biex jirfina u jikkumplimenta r-riskji u t-theddidiet elenkati fir-reġistru tar-riskju b'riskji u theddidiet speċifiċi għall-arkitettura.

6. Il-pjan tal-evalwazzjoni msemmi fil-paragrafu 5, il-punt (c) għandu jelenka l-attivitajiet tal-evalwazzjoni li għandhom jiġu inklużi fl-evalwazzjoni ta' soluzzjoni ta' kartiera u tal-iskema tal-identifikazzjoni elettronika li biha jingħataw.

7. L-attività tal-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 6 għandha teżiġi li l-forniturі tas-soluzzjonijiet tal-kartiera u l-iskema tal-identifikazzjoni elettronika li biha jingħataw, jipprovdu informazzjoni li tissodisfa r-rekwiżiti elenkati fl-Anness II.

Artikolu 4

Rekwiżiti ġenerali

1. L-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandhom ikopru r-rekwiżiti funzjonali, taċ-ċibersigurtà u tal-protezzjoni tad-*data* billi jużaw, meta jkunu disponibbli u applikabbli, l-iskemi taċ-ċertifikazzjoni li ġejjin:

(a) l-iskemi Ewropej taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2019/881, inkluż l-EUCC;

(b) l-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà koperti mill-EUCC, f'konformità mal-Artikolu 49 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/482.

2. L-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni jistgħu, barra minn hekk, meta jkunu disponibbli u applikabbli, jirreferu għal:

(a) skemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni rilevanti oħra;

(b) standards internazzjonali, Ewropej u nazzjonali;

(c) speċifikazzjonijiet tekniċi li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([11]).

3. L-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandhom:

(a) jispeċifikaw l-elementi elenkati fit-taqsima 6.5 tal-EN ISO/IEC 17067:2013;

(b) jiġu implimentati bħala skema tat-tip 6, f'konformità mat-taqsima 5.3.8 tal-EN ISO/IEC 17067:2013.

4. L-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) il-forniturimsemmija fl-Artikolu 5a(2) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 biss huma eliġibbli biex jinħarġulhom ċertifikati bl-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni;

(b) il-Marka Fiduċjarja biss tintuża bħala marka tal-konformità;

(c) il-forniturit as-soluzzjonijiet tal-kartiera u l-iskema tal-identifikazzjoni elettronika li biha jingħataw, ikunu jsemmu għar-Regolament (UE) Nru 910/2014 u għal dan ir-Regolament meta jirreferu għall-iskema;

(d) il-forniturit as-soluzzjonijiet tal-kartieri u l-iskema tal-identifikazzjoni elettronika li biha jingħataw ikunu jikkumplimentaw il-valutazzjoni tar-riskju tal-iskema kif imsemmi fl-Artikolu 3, il-paragrafu 5, il-punt (f), biex jidentifikaw ir-riskji u t-theddidiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tagħhom u jipproponu miżuri tat-trattament xierqa għar-riskji u t-theddidiet rilevanti kollha;

(e) ir-responsabbiltajiet u l-azzjoni legali huma stabbiliti u jinkludu referenzi għal-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli, li tiddefinixxi r-responsabbiltajiet u l-azzjoni legali possibbli, meta ċ-ċertifikazzjoni skont l-iskema tkun qed tintuża b'mod frawdolenti.

5. Il-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 4, il-punt (d), għandha tingħadda lill-korp taċ-ċertifikazzjoni għall-evalwazzjoni.

Artikolu 5

Ġestjoni tal-inċidenti u tal-vulnerabbiltajiet

1. L-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandu jkun fihom rekwiżiti tal-ġestjoni tal-inċidenti u tal-vulnerabbiltajiet f'konformità mal-paragrafi 2 sa 9.

2. Id-detentur ta' ċertifikat tal-konformità ta' soluzzjoni tal-kartiera u tal-iskema tal-identifikazzjoni elettronika li biha jingħata għandu jinnotifika lill-korp taċ-ċertifikazzjoni tiegħu mingħajr dewmien żejjed dwar kull ksur jew kompromess tas-soluzzjoni tal-kartiera, jew tal-iskema tal-identifikazzjoni elettronika li biha jingħataw, li aktarx ikunu jħallu impatt fuq il-konformità tiegħu mar-rekwiżiti tal-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni.

3. Id-detentur ta' ċertifikat tal-konformità għandu jistabbilixxi, iżomm u jopera politika u proċeduri tal-ġestjoni tal-vulnerabbiltajiet, filwaqt li jqis il-proċeduri stabbiliti fl-istandards Ewropej u internazzjonali eżistenti, inkluż l-EN ISO/IEC 30111:2019.

4. Id-detentur taċ-ċertifikat tal-konformità għandu jinnotifika lill-korp taċ-ċertifikazzjoni emittenti dwar il-vulnerabbiltajiet u l-bidliet li jaffettwaw is-soluzzjoni tal-kartiera, abbażi ta' kriterji definiti dwar l-impatt ta' dawn il-vulnerabbiltajiet u l-bidliet.

5. Id-detentur taċ-ċertifikat tal-konformità għandu jħejji rapport ta' analiżi tal-impatt tal-vulnerabbiltà għal kull vulnerabbiltà li taffettwa l-komponenti tas-software tas-soluzzjoni tal-kartiera. Ir-rapport għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-impatt tal-vulnerabbiltà fuq is-soluzzjoni tal-kartiera ċċertifikata;

(b) ir-riskji possibbli assoċjati mal-prossimità jew il-probabbiltà ta' attakk;

([11]) Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/1025/oj).

(c) jekk il-vulnerabbiltà tkunx tista' tingħeleb bil-mezzi disponibbli;

(d) meta l-vulnerabbiltà tista' tingħeleb bil-mezzi disponibbli, modi possibbli biex tiġi rimedjata l-vulnerabbiltà.

6. Meta tkun meħtieġa notifika fil-paragrafu 4, id-detentur taċ-ċertifikat tal-konformità għandu jibgħat, mingħajr dewmien żejjed, ir-rapport tal-analiżi tal-impatt tal-vulnerabbiltà msemmi fil-paragrafu 5 lill-korp taċ-ċertifikazzjoni.

7. Id-detentur ta' ċertifikat tal-konformità għandu jistabbilixxi, iżomm u jopera politika tal-ġestjoni tal-vulnerabbiltajiet li tkun tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I tal-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika ([12]).

8. L-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandhom jistabbilixxu rekwiżiti tal-iżvelar tal-vulnerabbiltajiet applikabbli għall-korpi taċ-ċertifikazzjoni.

9. Id-detentur ta' ċertifikat tal-konformità għandu jiżvela u jirreġistra kull vulnerabbiltà magħrufa pubblikament u rimedjata fis-soluzzjoni tal-kartiera jew f'wieħed mir-repożitorji online msemmija fl-Anness V.

Artikolu 6

Manutenzjoni tal-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni

1. L-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandu jkun fihom proċess għar-rieżami tal-operat tagħhom perjodikament. Dak il-proċess għandu jkollu l-għan li jikkonferma l-adegwatezza tagħhom u li jidentifika aspetti li jeħtieġu titjib, filwaqt li jqis ir-rispons tal-partijiet ikkonċernati.

2. L-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandhom jinkludu dispożizzjonijiet dwar il-manutenzjoni tagħhom. Dan il-proċess għandu jinkludi mqar ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) regoli għall-governanza tad-definizzjoni u r-rekwiżiti tal-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni;

(b) l-istabbiliment ta' skedi taż-żmien għall-ħruġ taċ-ċertifikati wara l-adozzjoni ta' verżjonijiet aġġornati tal-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni, kemm għaċ-ċertifikati tal-konformità ġodda kif ukoll għal dawk maħruġa qabel;

(c) rieżami perjodiku tal-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni ħalli jkun żgurat li r-rekwiżiti tal-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni jkunu qed jiġu applikati b'mod konsistenti, filwaqt li jitqiesu mill-inqas l-aspetti li ġejjin:

— it-talbiet għal kjarifika indirizzati lil sid l-iskema b'rabta mar-rekwiżiti tal-iskema nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni;

— ir-rispons tal-partijiet ikkonċernati u ta' partijiet interessati oħra;

— ir-responsività ta' sid l-iskema nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għat-talbiet tal-informazzjoni.

(d) regoli għall-monitoraġġ tad-dokumenti ta' referenza u l-proċeduri għall-evoluzzjoni tal-verżjonijiet ta' referenza tal-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni, inkluż imqar il-perjodi tat-tranżizzjoni;

(e) proċess li jiżgura li jkunu koperti l-aħħar riskji u theddidiet għaċ-ċibersigurtà kif elenkati fir-reġistru tar-riskji stabbilit fl-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(f) proċess għall-ġestjoni ta' bidliet oħra fl-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni.

([12]) Ir-Regolament (UE) 2024/2847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2024 dwar ir-rekwiżiti orizzontali taċ-ċibersigurtà għall-prodotti b'elementi diġitali u, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 168/2013 u (UE) 2019/1020 u d-Direttiva (UE) 2020/1828 (Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika) (ĠU L, 2024/2847, 20.11.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2847/oj).

3. L-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandu jkun fihom rekwiżiti biex isiru l-evalwazzjonijiet fuq prodotti attwalment iċċertifikati f'ċertu perjodu wara r-reviżjoni tal-iskema, jew wara l-ħruġ ta' speċifikazzjonijiet jew standards ġodda, jew verżjonijiet ġodda tagħhom, li magħhom għandhom jikkonformaw is-soluzzjonijiet tal-kartiera u l-iskema tal-identifikazzjoni elettronika li biha jingħataw.

KAPITOLU III

REKWIŻITI RELATATI MAS-SIDIEN TAL-ISKEMI

Artikolu 7

Rekwiżiti ġenerali

1. Is-sidien tal-iskemi għandhom jiżviluppaw u jħaddmu skemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni u jirregolaw l-operazzjonijiet tagħhom.

2. Is-sidien tal-iskemi jistgħu jissottokuntrattaw il-kompiti kollha tagħhom jew parti minnhom lil parti terza. Meta jissottokuntrattaw lil parti privata, is-sidien tal-iskemi għandhom jistabbilixxu d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tal-partijiet kollha b'kuntratt. Is-sidien tal-iskemi għandhom jibqgħu responsabbli għall-attivitajiet sottokuntrattati kollha mwettqa mis-sottokuntratturi tagħhom.

3. Is-sidien tal-iskemi għandhom iwettqu l-attivitajiet tal-monitoraġġ tagħhom, jekk applikabbli, mill-inqas abbażi tal-informazzjoni li ġejja:

(a) l-informazzjoni li jagħtu l-korpi taċ-ċertifikazzjoni, l-korpi nazzjonali tal-akkreditazzjoni, u l-awtoritajiet rilevanti tas-sorveljanza tas-suq;

(b) l-informazzjoni li toħroġ mill-awditjar u l-investigazzjonijiet tagħhom stess jew ta' awtorità oħra;

(c) l-ilmenti u l-appelli li jaslu skont l-Artikolu 15.

4. Is-sidien tal-iskemi għandhom jinfurmaw lill-Grupp ta' Kooperazzjoni dwar ir-reviżjonijiet tal-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni. Dik in-notifika għandha tipprovdi informazzjoni adegwata lill-Grupp ta' Kooperazzjoni biex joħroġ rakkomandazzjonijiet lis-sidien tal-iskemi u opinjonijiet dwar l-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni aġġornati.

KAPITOLU IV

REKWIŻITI RELATATI MAL-FORNITURI TAS-SOLUZZJONIJIET TAL-KARTIERA U MAL-ISKEMA TAL-IDENTIFIKAZZJONI ELETTORNIKA LI BIHA JINGĦATAW

Artikolu 8

Rekwiżiti ġenerali

1. L-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandu jkun fihom rekwiżiti taċ-ċibersigurtà abbażi ta' valutazzjonijiet tar-riskju ta' kull arkitettura speċifika appoġġata. Dawk ir-rekwiżiti taċ-ċibersigurtà għandu jkollhom l-għan li jindirizzaw ir-riskji u t-theddidiet taċ-ċibersigurtà identifikati, kif stabbilit fir-reġistru tar-riskji stabbilit fl-Anness I.

2. F'konformità mal-Artikolu 5a(23) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014, l-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandhom jeżiġu li s-soluzzjonijiet tal-kartiera u l-iskemi tal-identifikazzjoni elettronika libihom jingħataw, ikunu reżistenti għall-aggressuri b'potenzjal qawwi ta' attakk biex jinkiseb il-livell għoli tal-assigurazzjoni msemmi fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1502.

3. L-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandhom jistabbilixxu kriterji tas-sigurtà li jinkludu r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) L-att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika meta applikabbli, jew ir-rekwiżiti li jissodisfaw l-objettivi tas-sigurtà stabbiliti fl-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) 2019/881;

(b) l-istabbiliment u l-implimentazzjoni ta' politiki u proċeduri b'rabta mal-ġestjoni tar-riskji assoċjati mat-tħaddim ta' soluzzjoni tal-kartiera, inkluż l-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskji u l-mitigazzjoni tar-riskji identifikati;

(c) l-istabbiliment u l-implimentazzjoni ta' politiki u proċeduri relatati mal-ġestjoni tal-bidliet u mal-ġestjoni tal-vulnerabbiltajiet f'konformità mal-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament;

(d) l-istabbiliment u l-implimentazzjoni ta' politiki u proċeduri ta' ġestjoni tar-riżorsi umani, inkluż rekwiżiti dwar l-għarfien espert, l-affidabbiltà, l-esperjenza, it-taħriġ fis-sigurtà, u l-kwalifiki tal-persunal involut fl-iżvilupp jew fl-operat tas-soluzzjoni tal-kartiera;

(e) rekwiżiti relatati mal-ambjent operattiv tas-soluzzjoni tal-kartiera, inkluż fil-forma ta' suppożizzjonijiet dwar is-sigurtà tal-apparati u tal-pjattaformi li fuqhom jaħdmu l-komponenti tas-software tas-soluzzjoni tal-kartiera, inkluż id-WSCDs u meta applikabbli u rilevanti, ir-rekwiżiti tal-valutazzjoni tal-konformità li tikkonferma li dawk is-suppożizzjonijiet huma vverifikati fuq l-apparati u l-pjattaformi rilevanti;

(f) għal kull suppożizzjoni li ma tkunx sostnuta b'ċertifikat tal-konformità jew informazzjoni aċċettabbli oħra dwar l-assigurazzjoni, deskrizzjoni tal-mekkaniżmu li l-fornitur tal-kartiera juża biex jinforza s-suppożizzjoni, u ġustifikazzjoni li l-mekkaniżmu hu biżżejjed biex jiżgura li s-suppożizzjoni tiġi vverifikata;

(g) l-istabbiliment u l-implimentazzjoni ta' miżuri li jiżguraw l-użu ta' verżjoni attwalment iċċertifikata tas-soluzzjoni tal-kartiera.

4. L-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandu jkun fihom rekwiżiti funzjonali relatati mal-aġġornament tal-mekkaniżmi għal kull komponent tas-software tas-soluzzjonijiet tal-kartiera u l-iskema tal-identifikazzjoni elettronika li biha jingħataw għall-operazzjonijiet elenkati fl-Anness III.

5. L-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandhom jeżiġu li jingħataw l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni li ġejjin jew inkella jkunu disponibbli għall-korp taċ-ċertifikazzjoni mill-applikant għaċ-ċertifikazzjoni:

(a) evidenza relatata mal-informazzjoni msemmija fil-punt 1 tal-Anness IV, inkluż, meta meħtieġ, dettalji dwar is-soluzzjoni tal-kartiera u l-kodiċi tas-sors tagħha, inkluż:

— *l-informazzjoni dwar l-arkitettura:* għal kull komponent tas-soluzzjoni tal-kartiera (inkluż il-komponenti tal-prodott, tal-proċess u tas-servizz), deskrizzjoni tal-proprjetajiet essenzjali tas-sigurtà tiegħu, inkluż id-dipendenzi esterni tiegħu;

— *il-kontrolli u l-livelli tal-assigurazzjoni:* għal kull kontroll tas-sigurtà tas-soluzzjoni tal-kartiera, deskrizzjoni tal-kontroll u tal-livell tal-assigurazzjoni meħtieġ, abbażi tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1502, li jistabbilixxi għadd ta' speċifikazzjonijiet u proċeduri tekniċi li japplikaw għad-diversi kontrolli implimentati mill-mezzi tal-identifikazzjoni elettronika;

— *immeppjar tal-kontrolli għall-komponenti tal-arkitettura:* deskrizzjoni ta' kif il-kontrolli tal-kartiera jiġu implimentati bil-komponenti differenti tas-soluzzjoni tal-kartiera, abbażi ta' raġunament li jispjega għaliex hemm bżonn livell partikolari tal-assigurazzjoni, u kif il-kontroll jiġi implimentat bl-aspetti tas-sigurtà kollha meħtieġa fil-livell xieraq;

— *ir-raġunamenti u l-ġustifikazzjoni tal-kopertura tar-riskju:* ġustifikazzjoni ta':

— l-immappjar tal-kontrolli għall-komponenti;

— l-adegwatezza tal-pjan tal-evalwazzjoni propost biex ikopri kif xieraq il-kontrolli kollha;

— il-kopertura pprovduta mill-kontrolli tar-riskji u t-theddidiet taċ-ċibersigurtà identifikati fir-reġistru tar-riskji, ikkumplimentata mill-kontrolli tar-riskji u t-theddidiet speċifiċi għall-implimentazzjoni, fil-livell tal-assigurazzjoni xieraq.

(b) l-informazzjoni elenkata fl-Anness V;

(c) lista sħiħa taċ-ċertifikati tal-konformità u informazzjoni oħra tal-assigurazzjoni użata bħala evidenza waqt l-attivitajiet tal-evalwazzjoni;

(d) kull informazzjoni oħra rilevanti għall-attivitajiet tal-evalwazzjoni.

KAPITOLU V

REKWIŻITI RELATATI MAL-KORPI TAĊ-ĊERTIFIKAZZJONI

Artikolu 9

Rekwiżiti ġenerali

1. Il-korpi taċ-ċertifikazzjoni għandhom ikunu akkreditati mill-korpi nazzjonali tal-akkreditazzjoni maħtura skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([13]) f'konformità mal-EN ISO/IEC 17065:2012, diment li jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni f'konformità mal-paragrafu 2.

2. Għall-finijiet tal-akkreditazzjoni, il-korpi taċ-ċertifikazzjoni għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-kompetenza kollha li ġejjin:

(a) ikollhom għarfien dettaljat u tekniku dwar l-arkitetturi rilevanti ta' soluzzjoni tal-kartiera u tal-iskema tal-identifikazzjoni elettronika li biha jingħataw, u dwar it-theddidiet u r-riskji rilevanti għal dawk l-arkitetturi;

(b) ikollhom għarfien dwar is-soluzzjonijiet tas-sigurtà disponibbli u dwar il-proprjetajiet tagħhom skont l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1502;

(c) ikollhom għarfien dwar l-attivitajiet imwettqa bis-saħħa taċ-ċertifikati tal-konformità applikati għall-komponenti tas-soluzzjoni tal-kartiera u l-iskema tal-identifikazzjoni elettronika li biha jingħataw, bħala l-oġġett taċ-ċertifikazzjoni;

(d) ikollhom għarfien dettaljat dwar l-iskema nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni applikabbli kif stabbilit f'konformità mal-Kapitolu II.

3. Il-korpi taċ-ċertifikazzjoni għandhom iwettqu l-attivitajiet tas-sorveljanza tagħhom b'mod partikolari abbażi tal-informazzjoni li ġejja:

(a) l-informazzjoni li jagħtu l-korpi nazzjonali tal-akkreditazzjoni u l-awtoritajiet rilevanti tas-sorveljanza tas-suq;

(b) l-informazzjoni li toħroġ mill-awditi u l-investigazzjonijiet tagħhom stess jew ta' awtorità oħra;

(c) l-ilmenti u l-appelli li jaslu skont l-Artikolu 15.

Artikolu 10

Sottokuntrattar

Il-korpi taċ-ċertifikazzjoni jistgħu jissottokuntrattaw l-attivitajiet tal-evalwazzjoni, kif stabbilit fl-Artikolu 13, lil partijiet terzi. Meta l-attivitajiet tal-evalwazzjoni jiġu sottokuntrattati, l-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandhom jistabbilixxu dan li ġej:

(1) is-sottokuntratturi kollha tal-korp taċ-ċertifikazzjoni li jagħmlu l-attivitajiet tal-evalwazzjoni għandhom, kif applikabbli u xieraq għall-attivitajiet li jridu jwettqu, jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-istandards armonizzati bħall-EN ISO/IEC 17025:2017 għall-ittestjar, l-EN ISO/IEC 17020:2012 għall-ispezzjoni, l-EN ISO/IEC 17021-1:2015 għall-awditjar, u l-EN ISO/IEC 17029:2019 għall-validazzjoni u l-verifika;

(2) il-korpi taċ-ċertifikazzjoni għandhom ikunu responsabbli għall-attivitajiet kollha tal-evalwazzjoni esternalizzati lil korpi oħra u juru li ħadu l-miżuri xierqa waqt l-akkreditazzjoni tagħhom, inkluż billi jistrieħu fuq l-akkreditazzjoni tas-sottokuntratturi tagħhom stess, meta applikabbli;

(3) il-grad li jistabbilixxi sa fejn għandu jinkiseb ftehim minn qabel għall-ħtiġijiet tal-esternalizzazzjoni mis-sidien tal-iskema jew mill-klijent li s-soluzzjoni tal-kartiera tiegħu tkun qed tiġi ċċertifikata bl-iskema taċ-ċertifikazzjoni.

([13]) Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/765/oj).

Artikolu 11

Notifika lill-korp superviżorju

Il-korpi taċ-ċertifikazzjoni għandhom jinnotifikaw lill-korp superviżorju msemmi fl-Artikolu 46a(1) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 dwar il-ħruġ, is-sospensjoni u l-kanċellazzjoni taċ-ċertifikati tal-konformità tas-soluzzjonijiet tal-kartiera u l-iskema tal-identifikazzjoni elettronika li biha jingħataw.

Artikolu 12

Ġestjoni tal-inċidenti u tal-vulnerabbiltajiet

1. Il-korpi taċ-ċertifikazzjoni għandhom jissospendu, mingħajr dewmien żejjed, iċ-ċertifikat tal-konformità tas-soluzzjonijiet tal-kartiera u l-iskema tal-identifikazzjoni elettronika li biha jingħataw malli dawn jikkonfermaw li l-ksur jew kompromess tas-sigurtà notifikat ikun ħalli impatt fuq il-konformità mar-rekwiżiti tal-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni, tas-soluzzjoni tal-kartiera jew tal-iskema tal-identifikazzjoni elettronika li biha jingħataw.

2. Il-korpi taċ-ċertifikazzjoni għandhom jikkanċellaw iċ-ċertifikat tal-konformità li jkun ġie sospiż wara ksur jew kompromess tas-sigurtà li ma jkunx ġie rimedjat fil-ħin.

3. Il-korpi taċ-ċertifikazzjoni għandhom jikkanċellaw iċ-ċertifikati tal-konformità meta vulnerabbiltà identifikata ma tkunx ġiet rimedjata fil-ħin b'mod proporzjonat mas-severità u l-impatt potenzjali tagħha, f'konformità mal-Artikoli 5c(4) u 5e(2) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014.

KAPITOLU VI

ATTIVITAJIET TAL-VALUTAZZJONI TAL-KONFORMITÀ

Artikolu 13

Attivitajiet tal-evalwazzjoni

1. L-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandu jkun fihom il-metodi u l-proċeduri li jridu jintużaw mill-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità meta jagħmlu l-attivitajiet tal-evalwazzjoni tagħhom f'konformità mal-EN ISO/IEC 17065:2012, u dawn għandhom ikopru mqar l-aspetti li ġejjin:

(a) il-metodi u l-proċeduri biex isiru l-attivitajiet tal-evalwazzjoni, inkluż dawk relatati mad-WSCD, kif stabbilit fl-Anness IV;

(b) l-awditjar tal-implimentazzjoni tas-soluzzjoni tal-kartiera u tal-iskema tal-identifikazzjoni elettronika li biha jingħataw, abbażi tar-reġistru tar-riskji, stabbilit fl-Anness I u kkumplimentat meta meħtieġ b'riskji speċifiċi għall-implimentazzjoni;

(c) attivitajiet tal-ittestjar funzjonali, ibbażati, meta disponibbli u xierqa, fuq settijiet ta' testijiet li huma definiti skont speċifikazzjonijiet jew standards tekniċi;

(d) valutazzjoni tal-eżistenza u l-adegwatezza tal-proċessi tal-manutenzjoni, inkluż imqar il-ġestjoni tal-verżjonijiet, il-ġestjoni tal-aġġornament u l-ġestjoni tal-vulnerabbiltajiet;

(e) valutazzjoni tal-effettività operattiva tal-proċessi tal-manutenzjoni, inkluż imqar il-ġestjoni tal-verżjonijiet, il-ġestjoni tal-aġġornament u l-ġestjoni tal-vulnerabbiltajiet;

(f) analiżi tad-dipendenza mogħtija mill-fornitur tal-kartiera, inkluż metodoloġija għall-valutazzjoni tal-aċċettabbiltà tal-informazzjoni dwar l-assigurazzjoni, li għandha tinkludi l-elementi stabbiliti fl-Anness VI;

(g) valutazzjoni tal-vulnerabbiltajiet, fil-livell xieraq, inkluż:

— rieżami tad-disinn tas-soluzzjoni tal-kartiera, u meta applikabbli, tal-kodiċi tas-sors tagħha;

— ittestjar tar-reżistenza tas-soluzzjoni tal-kartiera kontra l-aggressuri b'potenzjal qawwi ta' attakk biex jinkiseb il-livell "għoli" tal-assigurazzjoni msemmi fit-Taqsima 2.2.1 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1502;

(h) valutazzjoni tal-evoluzzjoni tal-ambjent tat-theddid u l-impatt tiegħu fuq il-kopertura tar-riskji mis-soluzzjoni tal-kartiera, biex jiġi determinat liema attivitajiet tal-evalwazzjoni huma meħtieġa fuq id-diversi komponenti tas-soluzzjoni tal-kartiera.

2. L-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandu jkun fihom evalwazzjoni biex tiddetermina jekk l-implimentazzjoni tas-soluzzjonijiet tal-kartiera u l-iskema tal-identifikazzjoni elettronika li biha jingħataw dawk is-soluzzjonijiet tal-kartieri, tkunx taqbel mal-arkitettura stabbilita fl-Artikolu 3, il-paragrafu 5, il-punt (a), kif ukoll evalwazzjoni biex tiddetermina jekk il-pjan tal-evalwazzjoni propost flimkien mal-implimentazzjoni jkunux jaqblu mal-pjan tal-evalwazzjoni msemmi fl-Artikolu 3, il-paragrafu 5, il-punt (c).

3. L-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandhom jistabbilixxu regoli dwar il-kampjunar, biex tkun evitata r-ripetizzjoni ta' attivitajiet tal-evalwazzjoni identiċi u biex jenfasizzaw fuq a-ttivitajiet li huma speċifiċi għal varjant partikolari. Dawk ir-regoli tal-kampjunar għandhom jippermettu li t-testijiet funzjonali u tas-sigurtà jsiru biss fuq kampjun ta' varjanti ta' komponent fil-mira ta' soluzzjoni tal-kartiera u tal-iskema tal-identifikazzjoni elettronika li biha jingħataw, u fuq kampjun ta' apparati fil-mira. L-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandhom jeżiġu li l-korpi taċ-ċertifikazzjoni kollha jkunu jiġġustifikaw l-użu tagħhom tal-kampjunar.

4. L-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandhom jeżiġu l-evalwazzjoni, mill-korp taċ-ċertifikazzjoni, tad-WSCA abbażi tal-metodi u l-proċeduri stabbiliti fl-Anness IV.

Artikolu 14

Attivitajiet taċ-ċertifikazzjoni

1. L-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandhom jistabbilixxu attività tal-attestazzjoni għall-fini tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-konformità, f'konformità mat-taqsima V(a) tal-EN ISO/IEC 17067:2013, it-Tabella 1, inkluż l-aspetti li ġejjin:

(a) il-kontenut taċ-ċertifikat tal-konformità kif stabbilit fl-Anness VII;

(b) kif ir-riżultati tal-evalwazzjoni jridu jiġu rrapportati fir-rapport taċ-ċertifikazzjoni pubbliku, inkluż mill-inqas sommarju tal-pjan preliminari tal-awditjar u tal-validazzjoni, kif stabbilit fl-Anness VIII;

(c) il-kontenut tar-riżultati tal-evalwazzjoni rrapportati fir-rapport tal-valutazzjoni taċ-ċertifikazzjoni, inkluż l-elementi stabbiliti fl-Anness VIII.

2. Ir-rapport tal-valutazzjoni taċ-ċertifikazzjoni jista' jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Grupp ta' Kooperazzjoni u tal-Kummissjoni.

Artikolu 15

Ilmenti u appelli

L-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandu jkun fihom proċeduri jew referenzi għal-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli, li jiddefinixxu l-mekkaniżmu biex jitressqu u jiġu indirizzati b'mod effettiv l-ilmenti u l-appelli fir-rigward tal-implimentazzjoni tagħhom tal-iskema taċ-ċertifikazzjoni jew ta' ċertifikat tal-konformità maħruġ. Dawn il-proċeduri għandhom jinkludu l-għoti ta' informazzjoni lill-ilmentatur dwar il-progress tal-proċedimenti u dwar id-deċiżjoni meħuda, u informazzjoni lill-ilmentatur dwar id-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv. L-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandhom jeżiġu li l-ilmenti u l-appelli kollha li ma jkunux issolvew jew li ma jkunux jistgħu jissolvew mill-korp taċ-ċertifikazzjoni, jintbagħtu lil sid l-iskema għal valutazzjoni u riżoluzzjoni.

Artikolu 16

Attivitajiet tas-sorveljanza

1. L-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandhom jeżiġu li l-korpi taċ-ċertifikazzjoni jimplimentaw attivitajiet tas-sorveljanza li jkunu jikkonsistu minn evalwazzjoni tas-sorveljanza tal-proċessi flimkien ma' testijiet jew spezzjonijiet aleatorji.

2. L-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandu jkun fihom rekwiżiti biex is-sidien tal-iskemi jimmonitorjaw il-konformità tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni mal-obbligi tagħhom skont ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 u skont l-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni, jekk applikabbli.

3. L-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandu jkun fihom rekwiżiti biex il-korpi taċ-ċertifikazzjoni jimmonitorjaw dan li ġej:

(a) il-konformità mid-detenturi ta' ċertifikat tal-konformità maħruġ bl-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni mal-obbligi tagħhom li jikkonċernaw iċ-ċertifikazzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 u skont l-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni;

(b) il-konformità tas-soluzzjoni tal-kartiera ċċertifikata mar-rekwiżiti stabbiliti fl-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni.

Artikolu 17

Konsegwenzi tan-nonkonformità

L-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandhom jistabbilixxu l-konsegwenzi tan-nonkonformità ta' soluzzjoni tal-kartiera ċċertifikata u tal-iskema tal-identifikazzjoni elettronika li biha jingħataw, mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Dawk il-konsegwenzi għandhom jinkludu l-aspetti li ġejjin:

(1) l-obbligu li l-korp taċ-ċertifikazzjoni jinforma lid-detentur taċ-ċertifikat tal-konformità u li jitlob lid-detentur taċ-ċertifikat tal-konformità japplika azzjonijiet ta' rimedju;

(2) l-obbligu li l-korp taċ-ċertifikazzjoni jinforma lil awtoritajiet rilevanti oħra tas-sorveljanza tas-suq meta n-nonkonformità tkun tikkonċerna l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni;

(3) il-kundizzjonijiet għat-twettiq tal-azzjonijiet ta' rimedju mid-detentur taċ-ċertifikat tal-konformità;

(4) il-kundizzjonijiet għas-sospensjoni ta' ċertifikat tal-konformità mill-korp taċ-ċertifikazzjoni u għall-waqfien tas-sospensjoni taċ-ċertifikat tal-konformità wara li n-nonkonformità tkun ġiet rimedjata;

(5) il-kundizzjonijiet għall-kanċellazzjoni ta' ċertifikat tal-konformità mill-korp taċ-ċertifikazzjoni;

(6) il-konsegwenzi tan-nonkonformità mill-korp taċ-ċertifikazzjoni mar-rekwiżiti tal-iskema nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni.

KAPITOLU VII

IĊ-ĊIKLU TAL-ĦAJJA TAĊ-ĊERTIFIKAZZJONI

Artikolu 18

Iċ-ċiklu tal-ħajja taċ-ċertifikazzjoni

1. Il-validità taċ-ċertifikati tal-konformità maħruġa skont l-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandha tkun soġġetta għal attivitajiet tal-evalwazzjoni regolari mill-korp taċ-ċertifikazzjoni mwettqa f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness IX.

2. L-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandu jkun fihom proċess għaċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid tas-soluzzjonijiet tal-kartiera u l-iskema tal-identifikazzjoni elettronika li biha jingħataw, meta jintalab mid-detentur taċ-ċertifikat tal-konformità qabel l-iskadenza taċ-ċertifikat tal-konformità inizjali. Dak il-proċess għaċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid għandu jinkludi evalwazzjoni sħiħa tas-soluzzjonijiet tal-kartiera u tal-iskema tal-identifikazzjoni elettronika li biha jingħataw, inkluż valutazzjoni tal-vulnerabbiltajiet, skont il-prinċipji stabbiliti fl-Anness IX.

3. L-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandu jkun fihom proċess għall-ġestjoni tal-bidliet f'soluzzjoni tal-kartiera ċċertifikata u l-iskema tal-identifikazzjoni elettronika li biha jingħataw. Dak il-proċess għandu jinkludi regoli biex jiġi determinat jekk bidla għandhiex tkun koperta minn evalwazzjoni speċjali kif imsemmi fil-paragrafu 4 jew mill-verifika tal-effettività operattiva tal-proċessi tal-manutenzjoni kif imsemmi fl-Anness IV.

4. L-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandu jkun fihom proċess għall-evalwazzjonijiet speċjali skont l-EN ISO/IEC 17065:2012. Dak il-proċess għall-evalwazzjonijiet speċjali għandu jinkludi bosta attivitajiet li jridu jitwettqu biex tissolva l-kwistjoni speċifika li wasslet għall-evalwazzjoni speċjali.

5. L-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandhom jistabbilixxu regoli relatati mal-kanċellazzjoni ta' ċertifikat tal-konformità.

KAPITOLU VIII

ŻAMMA TAR-REĠISTRI U PROTEZZJONI TAL-INFORMAZZJONI

Artikolu 19

Żamma tar-reġistri

1. L-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandu jkun fihom rekwiżiti għall-korpi taċ-ċertifikazzjoni dwar sistema tar-reġistrazzjoni għall-informazzjoni rilevanti kollha ġġenerata b'rabta mal-attivitajiet tal-valutazzjoni tal-konformità li dawn iwettqu, inkluż id-*data* maħruġa minn u li tasal għand il-fornituri tas-soluzzjonijiet tal-kartieri u l-iskemi tal-identifikazzjoni elettronika li bihom jingħataw. Ir-reġistri ta' din l-informazzjoni għandhom jinħażnu b'mod sigur. Ir-reġistri jistgħu jinżammu b'mod elettroniku u għandhom jibqgħu aċċessibbli sakemm ikun meħtieġ skont il-liġi tal-Unjoni jew mil-liġi nazzjonali, u għal mill-inqas ħames snin, wara l-kanċellazzjoni jew l-iskadenza taċ-ċertifikat tal-konformità rilevanti.

2. L-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandhom jistabbilixxu rekwiżiti biex id-detentur taċ-ċertifikat tal-konformità jaħżen l-informazzjoni li ġejja b'mod sigur għall-fini ta' dan ir-Regolament, u għal mill-inqas ħames snin wara l-kanċellazzjoni jew l-iskadenza taċ-ċertifikat tal-konformità rilevanti:

(a) reġistri tal-informazzjoni pprovduta lill-korp taċ-ċertifikazzjoni jew lil xi wieħed mis-sottokuntratturi tiegħu waqt il-proċess taċ-ċertifikazzjoni;

(b) kampjuni tal-komponenti tal-hardware li jkunu ġew inklużi fl-ambitu taċ-ċertifikazzjoni tas-soluzzjoni tal-kartiera.

3. L-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandhom jeżiġu li d-detentur taċ-ċertifikat tal-konformità jagħmel l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 disponibbli għall-korp taċ-ċertifikazzjoni jew għall-korp superviżorju msemmi fl-Artikolu 46a(1) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 meta jintalab.

Artikolu 20

Protezzjoni tal-informazzjoni

Bl-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni, il-persuni jew l-organizzazzjonijiet kollha li jingħataw aċċess għall-informazzjoni fl-eżekuzzjoni tal-attivitajiet skont l-iskema nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandhom ikunu meħtieġa jiżguraw is-sigurtà u l-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali u ta' informazzjoni kunfidenzjali oħra, u li jħarsu d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u jieħdu l-miżuri tekniċi u organizzattivi meħtieġa u xierqa biex jiżguraw din il-kunfidenzjalità.

KAPITOLU IX

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 21

Tranżizzjoni lejn skema Ewropea taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà

Dan ir-Regolament għandu jkun soġġett għal rieżami, malli tiġi adottata l-ewwel skema Ewropea taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà għal soluzzjonijiet tal-kartiera u l-iskemi tal-identifikazzjoni elettronika li bihom jingħataw, bl-objettiv li jitqies il-kontribut ta' din l-iskema Ewropea taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà għaċ-ċertifikazzjoni ġenerali tas-soluzzjonijiet tal-kartiera u għall-iskemi tal-identifikazzjoni elettronika li bihom jingħataw.

Artikolu 22

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Novembru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

REĠISTRU TAR-RISKJI GĦALL-KARTIERI EWROPEJ TAL-IDENTITÀ DIĠITALI

Introduzzjoni

Ir-reġistru tar-riskji jiddeskrivi r-riskji u t-theddidiet ewlenin għas-sigurtà u l-privatezza li japplikaw għall-kartieri, u li jridu jiġu indirizzati kif xieraq f'kull arkitettura u implimentazzjoni tal-kartieri. Ir-**riskji ta' livell għoli** (Taqsima I) huma relatati mal-użu tal-kartieri mill-utenti u mill-partijiet dipendenti, u huma assoċjati ma' theddidiet diretti mmirati lejn l-assi tal-kartieri. Barra minn hekk, qed jiġu identifikati wkoll ftit **riskji fil-livell tas-sistema** (Taqsima II) għall-kartieri, li tipikament jinħolqu minn kombinament ta' theddidiet li jkunu japplikaw għas-sistema kollha tal-kartiera.

Tip ta' riskju	ID tar-riskju	Titli tar-riskji relatati
Riskji ta' livell għoli għall-kartieri	R1	Il-ħolqien jew l-użu ta' identità elettronika eżistenti
	R2	Il-ħolqien jew l-użu ta' identità elettronika falza
	R3	Il-ħolqien jew l-użu ta' attributi foloz
	R4	Serq tal-identità
	R5	Serq tad-*data*
	R6	Żvelar tad-*data*
	R7	Manipulazzjoni tad-*data*
	R8	Telf tad-*data*
	R9	Tranżazzjoni mhux awtorizzata
	R10	Manipulazzjoni tat-tranżazzjonijiet
	R11	Repudjazzjoni
	R12	Żvelar tad-*data* dwar tranżazzjonijiet
	R13	Tfixkil tas-servizzi
	R14	Sorveljanza
Riskji relatati mas-sistema	SR1	Sorveljanza bl-ingrossa
	SR2	Ħsara għar-reputazzjoni
	SR3	Nonkonformità legali

Ir-reġistru jidentifika wkoll **theddidiet tekniċi** (Taqsima III) immirati lejn l-implimentazzjoni tas-soluzzjoni tal-kartiera. Dawn it-theddidiet huma relatati mar-riskji ta' livell għoli fis-sens li kull theddida minnhom tista' tintuża biex tikkaġuna ħafna riskji ta' livell għoli.

Tip ta' theddida	ID tat-theddida	Titli ta' theddidiet relatati	Subkategoriji tat-theddid
Theddida teknika	TT1	Attakki fiżiċi	1.1. *Serq*
			1.2. *Kxif tal-informazzjoni*
			1.3 *Tbagħbis*
	TT2	Erruri u konfigurazzjonijiet ħżiena	2.1. *Erruri li jsiru waqt il-ġestjoni ta' sistema tal-IT*
			2.2. *Erruri fil-livell tal-applikazzjoni jew erruri ta' waqt l-użu*
			2.3. *Erruri ta' waqt l-iżvilupp u konfigurazzjonijiet ħżiena tas-sistema*

Tip ta' theddida	ID tat-theddida	Titli ta' theddidiet relatati	Subkategoriji tat-theddid
	TT3	Użu ta' riżorsi mhux affidabbli	3.1. *Użu jew konfigurazzjoni b'xi errur tal-komponenti tal-kartiera*
	TT4	Ħsara u qtugħ	4.1. *Ħsara jew disfunzjoni ta' tagħmir, apparat jew sistemi*
			4.2. *Telf tar-riżorsi*
			4.3 *Telf ta' servizzi tal-appoġġ*
	TT5	Azzjonijiet malizzjużi	5.1 *Interċettazzjoni tal-informazzjoni*
			5.2 *Phishing u spoofing*
			5.3 *Ripetizzjoni tal-messaġġi*
			5.4 *Attakk b'forza brutali*
			5.5 *Vulnerabbiltajiet tas-software*
			5.6 *Attakki fil-katina tal-provvista*
			5.7 *Malware*
			5.8 *Previżjoni tan-numru aleatorju*

Fl-aħħar nett, ir-reġistru **jelenka theddidiet diretti għall-kartieri**, u kull wieħed minnhom hu assoċjat ma' firxa (mhux eżawrjenti) ta' riskji (Taqsima IV).

TAQSIMA I:

Riskji ta' livell għoli għall-kartieri

R1. Il-ħolqien jew l-użu ta' identità elettronika eżistenti

Il-ħolqien jew l-użu ta' identità elettronika eżistenti jfissru l-ħolqien ta' identità elettronika f'kartiera li tkun teżisti fid-dinja reali u li tiġi assenjata lil utent ieħor. Essenzjalment, dan ir-riskju jwassal għar-riskji ta' Serq tal-identità (R4), u Tranżazzjonijiet mhux awtorizzati (R9).

R2. Il-ħolqien jew l-użu ta' identità elettronika falza

Il-ħolqien jew l-użu ta' identità elettronika falza tfisser il-ħolqien ta' identità elettronika f'kartiera li ma tkunx teżisti fid-dinja reali.

R3. Il-ħolqien jew l-użu ta' attributi foloz

Il-ħolqien jew l-użu ta' attributi foloz tfisser il-ħolqien jew l-użu ta' attributi li ma jistgħux jiġu vvalidati biex jinħarġu mill-fornitur iddikjarat, u li ma jistgħux jiġu fdati.

R4. Serq tal-identità

Is-serq tal-identità jfisser l-akkwist mhux awtorizzat tal-unità tal-kartiera jew it-telf ta' fatturi tal-awtentikazzjoni li jippermettu il-personifikazzjoni ta' persuna.

R5. Serq tad-*data*

Is-serq tad-*data* jfisser l-estrazzjoni mhux awtorizzata tad-*data*. Is-serq tad-*data* hu assoċjat ukoll mat-theddid, bħall-interċettazzjoni tad-*data* (ġbir mhux awtorizzat tad-*data* waqt li tkun fi tranżitu) u d-dekriptaġġ tad-*data* (dekodifikar mhux awtorizzat ta' *data* kriptata), li xi drabi aktarx ikunu jwasslu għal Żvelar tad-*data* (R6).

R6. Żvelar tad-*data*

L-iżvelar tad-*data* jfisser l-esponiment mhux awtorizzat għal *data* personali, inkluż għal kategoriji speċjali tad-*data* personali. Ir-riskju ta' ksur tal-privatezza hu simili ħafna, meta dan jitqies minn perspettiva tal-privatezza aktar milli mil-lat tas-sigurtà.

R7. Manipulazzjoni tad-*data*

Il-manipulazzjoni tad-*data* tfisser it-tibdil mhux awtorizzat tad-*data*.

R8. Telf tad-*data*

It-telf tad-*data* jfisser is-sitwazzjoni meta d-*data* maħżuna fil-kartiera tintilef minħabba użu ħażin jew azzjoni malizzjuża. Dan ir-riskju spiss ikun riskju sekondarju tal-Manipulazzjoni tad-*data* (R7) jew ta' Tfixkil tas-servizzi (R13), meta d-*data* kollha jew parti minnha ma tkunx tista' tinġieb lura.

R9. Tranżazzjoni mhux awtorizzata

Tranżazzjonijiet mhux awtorizzati jfissru attivitajiet operazzjonali mwettqa mingħajr il-permess jew l-għarfien tal-utent tal-kartiera. Ħafna drabi, tranżazzjoni mhux awtorizzata tista' twassal għal Serq tal-identità (R4) jew għal Żvelar tad-*data* (R6). Hi relatata wkoll ma' tranżazzjonijiet mhux awtorizzati, bħall-użu ħażin tal-kjavi kriptografiċi.

R10. Manipulazzjoni tat-tranżazzjonijiet

Il-manipulazzjoni tat-tranżazzjonijiet tfisser it-tibdil mhux awtorizzat fl-operazzjonijiet tal-kartiera. Il-manipulazzjoni tat-tranżazzjonijiet hi attakk fuq l-integrità, u hi relatata ma' ksur tal-integrità tad-*data*.

R11. Repudjazzjoni

Ir-repudjazzjoni tfisser sitwazzjoni meta parti kkonċernata tista' tiċħad li tkun wettqet azzjoni jew li tkun involuta fi tranżazzjoni, u partijiet ikkonċernati oħra ma jkollhomx evidenza xierqa biex jikkontradixxu dan.

R12. Żvelar tad-*data* dwar tranżazzjonijiet

L-iżvelar tad-*data* dwar tranżazzjonijiet ifisser l-iżvelar ta' informazzjoni relatata ma' informazzjoni dwar tranżazzjoni bejn xi partijiet ikkonċernati.

R13. Tfixkil tas-servizzi

It-tfixkil tas-servizzi jfisser interruzzjoni jew degradazzjoni fl-operat normali tal-kartiera. Tip speċifiku ta' tfixkil tas-servizzi hu l-lockout tal-utent, jiġifieri meta l-utent li ma jkunx jista' jaċċessa l-kont jew il-kartiera tiegħu.

R14. Sorveljanza

Is-sorveljanza, jew il-monitoraġġ, ifissru t-traċċar jew l-osservazzjoni mhux awtorizzati tal-attivitajiet, il-komunikazzjoni, jew id-*data* ta' utent tal-kartiera. Is-sorveljanza spiss tkun relatata ma' inferenza, jiġifieri t-tnaqqis ta' informazzjoni sensittiva jew personali minn *data* li taħsibha innokwa.

TAQSIMA II:

Riskji relatati mas-sistema

Dawn ir-riskji ma jintużawx fil-lista tat-theddid għax normalment ikunu l-konsegwenza ta' theddid multipli, ripetut b'mod li jhedded lis-sistema kollha.

SR1. Sorveljanza bl-ingrossa

Is-sorveljanza bl-ingrossa tfisser it-traċċar jew l-osservazzjoni tal-attivitajiet ta' ħafna utenti permezz tal-komunikazzjoni jew id-*data* tal-kartiera tagħhom. Is-sorveljanza bl-ingrossa spiss tkun assoċjata mas-sorveljanza (R14) u l-inferenza fuq skala globali, fejn l-informazzjoni dwar ħafna utenti tiġi kkombinata biex tinkiseb *data* sensittiva jew personali dwar xi utenti jew biex jiġu identifikati xejriet statistiċi li jistgħu jintużaw biex jitfasslu attakki ulterjuri.

SR2. Ħsara għar-reputazzjoni

Il-ħsara għar-reputazzjoni tfisser il-ħsara kkawżata lir-reputazzjoni ta' organizzazzjoni jew ta' korp governattiv. Il-ħsara għar-reputazzjoni toħroġ ukoll minn riskji oħra meta ksur jew inċident jispiċċa fuq il-midja u jixħet dawl ikrah fuq l-organizzazzjoni. Il-ħsara għar-reputazzjoni tista' twassal għal aktar riskji, bħat-telf ta' fiduċja, li joħorġu mid-dubji raġonevoli tal-utenti, u t-telf tal-ekosistema, meta tikkollassa l-ekosistema kollha.

SR3. Nonkonformità legali

In-nonkonformità legali tfisser sitwazzjoni meta l-liġijiet, ir-regolamenti jew l-istandards rilevanti ma jkunux jistgħu jiġu osservati. Fil-kuntest tal-kartiera, peress li s-sigurtà u l-privatezza tas-soluzzjoni huma rekwiżiti legali, it-theddid kollu aktarx li jkun iwassal għal xi tip ta' nonkonformità legali.

TAQSIMA III:

Theddidiet tekniċi

It-theddidiet tekniċi mhumiex kollha marbutin ma' riskji speċifiċi fuq il-kartieri, għax ħafna minnhom huma mezzi li jistgħu jintużaw biex jiġu implimentati attakki li jikkorrispondu għal ħafna riskji differenti.

TT1. Attakki fiżiċi

1.1. *Serq*

Is-serq ifisser is-serq tal-apparati li jistgħu jbiddlu l-funzjonament sew tal-kartiera (meta l-apparat jinsteraq u l-unità tal-kartiera ma tkunx protetta sew). Dan jista' jikkontribwixxi għal ħafna riskji, inkluż Serq tal-identità (R4), Serq tad-*data* (R5), u Tranżazzjonijiet mhux awtorizzati (R9).

1.2. *Kxif tal-informazzjoni*

Il-kxif tal-informazzjoni jfisser aċċess mhux awtorizzat, esponiment għall-informazzjoni, jew kondiviżjoni wara aċċess fiżiku għall-kartiera. Dan jista' jikkontribwixxi b'mod partikolari għal Żvelar tad-*data* (R6) u għal Serq tad-*data* (R5).

1.3. *Tbagħbis*

It-tbagħbis ifisser ksur tal-integrità ta' komponent wieħed jew aktar tal-unità tal-kartiera, jew tal-komponenti li fuqhom tistrieħ l-unità tal-kartiera, eż. l-apparat tal-utent jew is-sistema operatorja tiegħu. Dan jista' jikkontribwixxi b'mod partikolari għall-Manipulazzjoni tad-*data* (R7), it-Telf tad-*data* (R8) u l-Manipulazzjoni tat-tranżazzjonijiet (R10). Meta t-tbagħbis ikun immirat lejn il-komponenti tas-software, dan jista' jikkontribwixxi għal ħafna riskji.

TT2. Erruri u konfigurazzjonijiet ħżiena

2.1 *Erruri li saru waqt il-ġestjoni ta' sistema tal-IT*

L-erruri li jsiru waqt il-ġestjoni ta' sistema tal-IT ifissru l-kxif tal-informazzjoni, il-kondiviżjoni jew il-ħsara kkawżata minn użu ħażin tal-assi tal-IT mill-utenti (nuqqas ta' għarfien tal-karatteristiċi tal-applikazzjoni) jew minn konfigurazzjoni jew ġestjoni mhux xierqa tal-assi tal-IT.

2.2 *Erruri fil-livell tal-applikazzjoni jew erruri ta' waqt l-użu*

L-erruri fil-livell tal-applikazzjoni jew l-erruri ta' waqt l-użu jfissru disfunzjonijiet tal-applikazzjoni minħabba errur fl-applikazzjoni nnifisha jew errur minn wieħed mill-utenti (utenti tal-kartieri u partijiet dipendenti).

2.3. *Erruri ta' waqt l-iżvilupp u konfigurazzjonijiet ħżiena tas-sistema*

Erruri ta' waqt l-iżvilupp u konfigurazzjonijiet ħżiena tas-sistema jfissru disfunzjoni jew vulnerabbiltajiet ikkawżati minn assi tal-IT jew proċessi tan-negozju żviluppati jew ikkonfigurati b'mod mhux xieraq (speċifikazzjonijiet inadegwati ta' prodotti tal-IT, użu mhux adegwat, interfaċċi mhux siguri, flussi ta' politiki u proċeduri mhux xierqa, erruri fid-disinn).

TT3. Użu ta' riżorsi mhux affidabbli

L-użu ta' riżorsi mhux affidabbli jfisser attività li twassal għal ħsara mhux intenzjonata minħabba relazzjonijiet fiduċjarji definiti ħażin, bħall-fiduċja lil fornitur terz mingħajr assigurazzjoni suffiċjenti.

3.1 *Użu jew konfigurazzjoni b'xi errur tal-komponenti tal-kartiera*

L-użu jew il-konfigurazzjoni b'xi errur tal-komponenti tal-kartiera jfisser ħsara mhux intenzjonat fil-komponenti tal-kartiera minħabba użu żbaljat jew konfigurazzjoni ħażina mill-utenti tal-kartiera jew minn żviluppaturi mhux imħarrġin biżżejjed, jew minħabba nuqqas ta' adattament għal bidliet fix-xenarju tat-theddid, tipikament l-użu ta' komponenti jew pjattaformi tar-runtime ta' partijiet terzi vulnerabbli.

TT4. Ħsara u qtugħ

4.1 *Ħsara jew disfunzjoni ta' tagħmir, apparat jew sistemi*

Ħsara jew disfunzjoni tat-tagħmir tfisser ħsara mhux intenzjonata fl-assi tal-IT minħabba ħsara jew disfunzjoni tat-tagħmir, inkluż l-infrastruttura tal-fornitur u l-apparati tal-utent.

4.2 *Telf tar-riżorsi*

It-telf tar-riżorsi jfisser qtugħ jew disfunzjoni minħabba nuqqas ta' disponibbiltà ta' dawn ir-riżorsi, eż., bħala parts tal-manutenzjoni.

4.3. *Telf tas-servizzi tal-appoġġ*

It-telf tas-servizzi tal-appoġġ ifisser qtugħ jew disfunzjoni minħabba n-nuqqas ta' disponibbiltà tas-servizzi tal-appoġġ meħtieġa għat-tħaddim xieraq tas-sistema, inkluż il-konnettività tan-network tal-infrastruttura tal-fornitur u tal-apparat tal-utent.

TT5. Azzjonijiet malizzjużi

5.1 *Interċettazzjoni tal-informazzjoni*

L-interċettazzjoni tal-informazzjoni tfisser il-ħtif ta' informazzjoni li ma ngħatax is-sigurtà meħtieġa waqt it-trażmissjoni, inkluż b'attakki "man-in-the-middle".

5.2 *Phishing u spoofing*

Il-phishing ifisser il-ħtif ta' informazzjoni mogħtija mill-utent wara interazzjoni qarrieqa, spiss assoċjata mal-ispoofing ta' mezzi tal-komunikazzjoni leġittimi u siti web. Dan it-theddid hu mmirat lejn l-utent u tipikament jikkontribwixxi għal Serq tal-identità (R4) u għal Tranżazzjonijiet mhux awtorizzati (R9), ħafna drabi permezz ta' Serq tad-*data* (R5) jew Żvelar tad-*data* (R6).

5.3 *Ripetizzjoni tal-messaġġi*

Ir-ripetizzjoni tal-messaġġi tfisser l-użu mill-ġdid ta' messaġġi interċettati fil-passat biex isiru tranżazzjonijiet mhux awtorizzati, spiss fil-livell tal-protokoll. Din it-theddida teknika tikkontribwixxi l-aktar għal tranżazzjonijiet mhux awtorizzati, li mbagħad jistgħu jwasslu għal riskji oħra, skont it-tranżazzjoni.

5.4 *Attakk b'forza brutali*

Attakk b'forza brutali jfisser ksur tas-sigurtà, spiss tal-kunfidenzjalità, billi jsir għadd kbir ta' interazzjonijiet sakemm ir-rispons ikun jipprovdi informazzjoni siewja.

5.5 *Vulnerabbiltajiet tas-software*

It-theddida relatata mal-vulnerabbiltajiet tas-software hi ksur tas-sigurtà permezz ta' sfruttament ta' vulnerabbiltà tas-software fil-komponenti tal-kartiera jew fil-komponenti tas-software u tal-hardware użati fl-implimentazzjoni tal-kartiera, inkluż vulnerabbiltajiet ippubblikati u vulnerabbiltajiet mhux ippubblikati (0 jiem).

5.6 *Attakki fil-katina tal-provvista*

Attakk fil-katina tal-provvista jfisser ksur tas-sigurtà permezz ta' attakki mwettqa fuq il-fornitur tal-fornitur tal-kartiera jew tal-utenti tiegħu biex ikunu jistgħu jsiru aktar attakki fuq il-kartiera nnifisha.

5.7 *Malware*

Malware ifisser ksur tas-sigurtà permezz ta' applikazzjonijiet malizzjużi li jwettqu azzjonijiet mhux mixtieqa u illeġittimi fuq il-kartiera.

5.8 *Previżjoni tan-numru aleatorju*

Previżjoni tan-numru aleatorju tfisser il-faċilitazzjoni ta' attakki b'forza brutali permezz ta' previżjoni parzjali jew sħiħa tan-numri aleatorji ġġenerati.

TAQSIMA IV:

Theddidiet għall-kartieri

Din l-aħħar taqsima tippreżenta bosta xenarji tipiċi ta' theddidiet speċifiċi għall-kartieri, li huma mmappjati mar-riskji ta' livell għoli relatati mal-kjavi, kif elenkati hawn fuq. Din il-lista tindika t-theddidiet li jeħtieġ jiġu koperti, iżda ma tikkostitwixxix lista eżawrjenti tat-theddid, u tiddependi ħafna mill-arkitettura tas-soluzzjoni magħżula tal-kartiera u mill-evoluzzjoni tal-ambjent tat-theddid. Barra minn hekk, fil-valutazzjoni tar-riskju u fil-miżuri proposti, il-fornitur tal-kartiera jista' jkun responsabbli biss għal dawk il-komponenti fl-ambitu taċ-ċertifikazzjoni (*).

ID *Identifikatur*	Deskrizzjoni tat-theddida *Deskrizzjoni tat-theddida identifikata*(*)	Titlu tar-riskju *Riskji relatati*
TR1	Attakkant jista' jirrevoka psewdonimi mingħajr raġuni ġustifikata.	Il-ħolqien jew l-użu ta' identità elettronika falza (R2)
TR2	Attakkant jista' joħroġ identitajiet elettroniċi ffabbrikati li ma jeżistux.	Il-ħolqien jew l-użu ta' identità elettronika falza (R2)
TR3	Attakkant jista' jibda joħroġ PIDs mhux awtorizzati.	Il-ħolqien jew l-użu ta' identità elettronika falza (R2)
TR4	Attakkant jista' jikseb il-kontroll ta' amministratur biex idaħħal fornitur tal-PIDs ħażin fil-lista ta' fiduċja tal-forniturі tal-PIDs.	Il-ħolqien jew l-użu ta' identità elettronika falza (R2)
TR5	Attakkant jista' jaqbeż is-servizz ta' prova tal-identità mill-bogħod.	Il-ħolqien jew l-użu ta' identità elettronika eżistenti (R1) / Il-ħolqien jew l-użu ta' identità elettronika falza (R2)
TR6	Attakkant jista' jaqbeż is-servizz ta' prova tal-identità fiżika.	Il-ħolqien jew l-użu ta' identità elettronika eżistenti (R1) / Il-ħolqien jew l-użu ta' identità elettronika falza (R2)
TR7	Attakkant jista' jaqbeż is-servizzi ta' prova tal-identità b'rabta mal-użu ta' ċertifikat (kwalifikat) mill-bogħod.	Il-ħolqien jew l-użu ta' identità elettronika eżistenti (R1) / Il-ħolqien jew l-użu ta' identità elettronika falza (R2)
TR8	Attakkant jista' jikseb aċċess għal kartiera li ma tkunx marbuta ma' persuna.	Il-ħolqien jew l-użu ta' identità elettronika eżistenti (R1) / Il-ħolqien jew l-użu ta' identità elettronika falza (R2)
TR9	Attakkant jista' jegħleb il-kontrolli tekniċi u proċedurali biex joħloq PIDs ħżiena.	Il-ħolqien jew l-użu ta' identità elettronika eżistenti (R1) / Il-ħolqien jew l-użu ta' identità elettronika falza (R2)
TR10	Attakkant jista' jattiva kartiera ġdida fuq WSCD invalidu.	Il-ħolqien jew l-użu ta' identità elettronika eżistenti (R1) / Il-ħolqien jew l-użu ta' identità elettronika falza (R2)
TR11	Attakkant jista' jaqbeż is-servizz ta' prova tal-identità b'rabta mal-użu ta' mezzi tal-eID eżistenti.	Il-ħolqien jew l-użu ta' identità elettronika eżistenti (R1) / Serq tal-identità (R4) / Tranżazzjoni mhux awtorizzata (R9)
TR12	Attakkant jista' jaqbeż il-verifika mill-fornitur tal-PIDs li l-kartiera hi kkontrollata mill-utent u għandu PID maħruġ f'kartiera kompromessa fil-kontroll tal-attakkant.	Il-ħolqien jew l-użu ta' identità elettronika eżistenti (R1) / Serq tal-identità (R4) / Tranżazzjoni mhux awtorizzata (R9)

ID *Identifikatur*	Deskrizzjoni tat-theddida *Deskrizzjoni tat-theddida identifikata*(*)	Titlu tar-riskju *Riskji relatati*
TR13	Attakkant jista' jikseb PID validu f'unità tal-kartiera invalida.	Il-ħolqien jew l-użu ta' identità elettronika eżistenti (R1) / Serq tal-identità (R4) / Tranżazzjoni mhux awtorizzata (R9)
TR14	Fornitur tal-PIDs jista' joħroġ identitajiet iffabbrikati u l-identità tkun relatata ma' persuna eżistenti.	Il-ħolqien jew l-użu ta' identità elettronika eżistenti (R1) / Serq tal-identità (R4) / Tranżazzjoni mhux awtorizzata (R9)
TR15	Attakkant jista' jorbot PID mal-kartiera l-ħażina għax il-fornitur tal-PIDs ma jkunx jista' jorbot il-PID mal-kartiera t-tajba.	Il-ħolqien jew l-użu ta' identità elettronika eżistenti (R1) / Serq tal-identità (R4) / Tranżazzjoni mhux awtorizzata (R9)
TR16	Attakkant jista' jġiegħel lill-utent japprova l-attivazzjoni ta' unità/istanza ġdida tal-kartiera fil-kontroll tal-attakkant – bil-kontroll sussegwenti tal-attestazzjonijiet ukoll.	Il-ħolqien jew l-użu ta' identità elettronika eżistenti (R1) / Il-ħolqien jew l-użu ta' identità elettronika falza (R2) / Serq tal-identità (R4) / Tranżazzjoni mhux awtorizzata (R9)
TR17	Attakkant jista' joħroġ PID ta' stat ieħor biex jaċċessa *data* / assi diġitali taċ-ċittadini fil-mira.	Il-ħolqien jew l-użu ta' identità elettronika eżistenti (R1) / Serq tal-identità (R4) / Tranżazzjoni mhux awtorizzata (R9)
TR18	Attakkant jista' jegħleb il-kontrolli tekniċi u proċedurali biex joħloq (Q)EAAs foloz.	Il-ħolqien jew l-użu ta' attributi foloz (R3)
TR19	Attakkant jista' jippreżenta (Q)EAAs li ma jkunux inħarġulhom b'mod validu.	Il-ħolqien jew l-użu ta' attributi foloz (R3)
TR20	Attakkant jista' jattakka l-mekkaniżmu ta' kollegament kriptografiku tal-kartiera bejn il-PID u (Q)EAA li m'għandux jinħarġilhom.	Il-ħolqien jew l-użu ta' attributi foloz (R3)
TR21	Attakkant jista' juża (Q)EAA f'kartiera, iżda l-kontroparti fiżika tal-(Q)EAA tkun skadiet jew invalida.	Il-ħolqien jew l-użu ta' attributi foloz (R3)
TR22	Attakkant jista' jaqbeż il-verifika mill-fornitur tal-(Q)EAA li l-kartiera hi fil-kontroll tal-utent u jkollu (Q)EAA maħruġa f'kartiera kompromessa fil-kontroll tal-attakkant.	Il-ħolqien jew l-użu ta' attributi foloz (R3)
TR23	Attakkant jista' joħloq attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi foloz.	Il-ħolqien jew l-użu ta' attributi foloz (R3)
TR24	Attakkant jista' jinjetta attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi foloz ġo kartiera.	Il-ħolqien jew l-użu ta' attributi foloz (R3)
TR25	Il-kartiera tista' tippreżenta attributi lil parti dipendenti mingħajr l-approvazzjoni tal-utent.	Żvelar tad-*data* (R6)
TR26	PID, (Q)EAAs jew psewdonimi jistgħu jiġu preżentati lil parti dipendenti ħażina.	Żvelar tad-*data* (R6)
TR27	Attakkant jista' jibda tiġdid malizzjuż tal-EAA.	Żvelar tad-*data* (R6)
TR28	Attakkant jista' jġiegħel lil utent japprova b'mod żbaljat talba għal attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi (phishing jew oħrajn).	Żvelar tad-*data* (R6)

ID *Identifikatur*	Deskrizzjoni tat-theddida *Deskrizzjoni tat-theddida identifikata*(*)	Titlu tar-riskju *Riskji relatati*
TR29	Attakkant jista' jikxef attributi mill-kartiera u jidentifika lill-utent tal-kartiera meta l-identifikazzjoni ma tkunx meħtieġa/permessa.	Żvelar tad-*data* (R6)
TR30	Attakkant jista' jegħleb il-kontrolli tekniċi u proċedurali għall-estrazzjoni tad-*data*.	Żvelar tad-*data* (R6)
TR31	Talba tista' tispiċċa għand attakkant.	Żvelar tad-*data* (R6)
TR32	Attakkant jista' jikseb għarfien dwar il-politika tal-iżvelar inkorporat għall-attributi u l-attributi preżenti li hemm fit-talba attwali mill-unitajiet tal-kartiera.	Żvelar tad-*data* (R6)
TR33	Attakkant jista' jikseb reġistri, jew partijiet minnhom.	Żvelar tad-*data* (R6)
TR34	Attakkant jista' jkun jaf jekk kartiera hix installata fuq l-istess apparat li jkun qed juża, jew fuq ieħor, u jikseb informazzjoni dwarha.	Żvelar tad-*data* (R6)
TR35	Attakkant jista' jikseb fattur tal-għarfien li jintuża għall-awtentikazzjoni tal-utent mad-WSCA.	Żvelar tad-*data* (R6)
TR36	L-attestazzjoni elettronika tal-attributi dwar persuna li tiġi ppreżentata f'diversi tranżazzjonijiet ma' parti dipendenti, jew bejn partijiet dipendenti differenti, tippermetti b'mod mhux intenzjonat li bosta tranżazzjonijiet jintrabtu mal-persuna rilevanti.	Żvelar tad-*data* (R6)
TR37	Lista ta' attestazzjoni pubblika/revoka ta' parti dipendenti jista' jkun fiha informazzjoni dwar l-użu mill-utent tal-attestazzjoni tiegħu (eż. il-post, l-indirizz tal-IP, eċċ.).	Żvelar tad-*data* (R6)
TR38	Billi ma jkunux jistgħu jagħtu prova tal-kunsens tal-utent għal attributi kondiviżi, il-partijiet dipendenti jistgħu jaffettwaw l-integrità tar-reġistri.	Żvelar tad-*data* (R6)
TR39	Attakkant jista' jintraċċa illegalment lill-utenti tal-kartieri permezz ta' identifikaturi uniċi/traċċabbli.	Żvelar tad-*data* (R6) / Sorveljanza (R14)
TR40	Parti dipendenti li fiha diversi unitajiet/entitajiet, u li kull waħda minnhom ikollha ambitu differenti minn dak li jitħallew jitolbu/jipproċessaw, tista' titlob u tipproċessa *data* li għaliha ma jkollhiex raġunijiet legali.	Żvelar tad-*data* (R6) / Tranżazzjoni mhux awtorizzata (R9)
TR41	Attakkant jista' jimmina l-kontrolli tal-integrità u tal-awtentiċità mill-kartiera tal-PIDs biex dejjem jirritornaw is-suċċess.	Manipulazzjoni tad-*data* (R7)
TR42	Attakkant jista' jaqbeż jew jimmina t-twettiq tal-kontrolli mill-kartiera li jivverifikaw l-integrità u l-awtentiċità tal-attributi mitluba biex dejjem jirritornaw is-suċċess	Manipulazzjoni tad-*data* (R7)
TR43	Attakkant jista' jaqbeż jew jimmina t-twettiq tal-kontrolli mill-kartiera li jivverifikaw l-attributi mitluba kollha li jappartjenu għall-istess utent biex dejjem jirritornaw is-suċċess.	Manipulazzjoni tad-*data* (R7)
TR44	Attakkant jista' jaqbeż jew jimmina t-twettiq tal-kontrolli mill-kartiera li jivverifikaw li l-PID hu validu u maħruġ minn fornitur tal-PID fdat biex dejjem jirritornaw is-suċċess.	Manipulazzjoni tad-*data* (R7)

ID *Identifikatur*	Deskrizzjoni tat-theddida *Deskrizzjoni tat-theddida identifikata*(*)	Titlu tar-riskju *Riskji relatati*
TR45	Attakkant jista' jaqbeż jew jimmina t-twettiq tal-kontrolli mill-kartiera li jivverifikaw li QEAA tkun valida u maħruġa minn TSP kwalifikat u rreġistrat biex joħroġ il-QEAAs, biex dejjem jirritornaw is-suċċess	Manipulazzjoni tad-*data* (R7)
TR46	Attakkant jista' jaqbeż jew jimmina t-twettiq tal-kontrolli mill-kartiera li jivverifikaw jekk il-PID ġiex revokat mill-fornitur tal-PIDs, biex dejjem jirritornaw is-suċċess	Manipulazzjoni tad-*data* (R7)
TR47	Attakkant jista' jaqbeż jew jimmina t-twettiq tal-kontrolli mill-kartiera li jivverifikaw jekk il-(Q)EAA ġietx revokata mill-fornitur tal-(Q)EAAs, biex dejjem jirritornaw is-suċċess	Manipulazzjoni tad-*data* (R7)
TR48	Attakkant jista' jimmodifika l-kontenut tad-*data* tal-backup u tal-irkupru li għandha tkun esklussivament fil-kontroll tal-utent.	Manipulazzjoni tad-*data* (R7) / Telf tad-*data* (R8)
TR49	Attakkant jista' jimmodifika l-istorja tat-tranżazzjonijiet għal istanza partikolari tal-kartiera mir-reġistri tal-attivitajiet.	Manipulazzjoni tad-*data* (R7) / Telf tad-*data* (R8)
TR50	Attakkant jista' jisma' bil-moħbi waqt il-konnessjoni mill-kartiera għall-partijiet dipendenti.	Serq tad-*data* (R5) / Żvelar tad-*data* (R6)
TR51	Attakkant jista' jikkonvinċi lil utent biex jikkondividi *data* personali (jiġifieri PID, EAA-s, psewdonimi, firem elettroniċi, reġistri u *data* oħra) mal-attakkant jew ma' parti terza li l-utent ma kellux l-intenzjoni li jagħmel dan magħha.	Serq tad-*data* (R5) / Żvelar tad-*data* (R6)
TR52	Attakkant jista' jaqra r-rendikont tat-tranżazzjonijiet għal istanza partikolari tal-kartiera mir-reġistri tal-attivitajiet.	Serq tad-*data* (R5) / Żvelar tad-*data* (R6)
TR53	Attakkant jista' jesporta jew jestratta materjal tal-kjavi kriptografiċi 'l barra mid-WSCD.	Serq tad-*data* (R5) / Żvelar tad-*data* (R6) / Tranżazzjoni mhux awtorizzata (R9)
TR54	Attakkant jista' jaqra l-kontenut ta' *data* tal-backup u tal-irkupru li għandha tkun esklussivament fil-kontroll tal-utent.	Serq tad-*data* (R5) / Żvelar tad-*data* (R6)
TR55	Attakkant jista' jaqbeż il-metodu tal-awtentikazzjoni tal-utent biex juża psewdonimu ġġenerat minn unità tal-kartiera.	Serq tal-identità (R4)
TR56	Attakkant jista' jipproponi applikazzjoni li timita kartiera leġittima speċifika lill-utenti.	Serq tal-identità (R4)
TR57	Attakkant jista' jesporta *data* tal-kartiera, inkluż PID, (Q)EAAs jew reġistri.	Serq tal-identità (R4)
TR58	Attakkant jista' jesporta materjal tal-irbit kriptografiku.	Serq tal-identità (R4)
TR59	Attakkant jista' jaħtaf identitajiet permezz tal-kjavi kriptografiċi tal-kartiera.	Serq tal-identità (R4)
TR60	Attakkant jista' jidduplika unità tal-kartiera personali ta' utent ieħor fuq l-apparat personali tiegħu u jużaha.	Serq tal-identità (R4) / Il-ħolqien jew l-użu ta' identità elettronika eżistenti (R1)

ID *Identifikatur*	Deskrizzjoni tat-theddida *Deskrizzjoni tat-theddida identifikata*(*)	Titlu tar-riskju *Riskji relatati*
TR61	L-awtoritajiet ta' stat ieħor jistgħu jitolbu lill-utent juri u/jew jikkondividi d-*data* kollha tal-kartiera waqt ċirkostanza ta' prossimità, bħal meta l-utent jaqsam il-fruntiera ta' dak l-istat.	Serq tal-identità (R4) / Sorveljanza (R14)
TR62	L-utenti ma jistgħux jittrasferixxu r-reġistri tat-tranżazzjonijiet tagħhom wara falliment ta' apparat tal-utent, li jwassal biex tintilef it-traċċabbiltà ta' tranżazzjonijiet preċedenti fuq il-kartiera l-ġdida.	Repudjazzjoni (R11)
TR63	L-utenti ma jistgħux jirkupraw ir-reġistri tat-tranżazzjonijiet tagħhom wara falliment ta' apparat tal-utent, li jwassal biex tintilef it-traċċabbiltà fuq il-kartiera l-ġdida.	Repudjazzjoni (R11)
TR64	Il-partijiet dipendenti jistgħu jsibu diffikultajiet biex jagħtu prova tal-kunsens għal firem elettroniċi mill-bogħod.	Repudjazzjoni (R11)
TR65	Attakkant jista' jifqa' l-konnessjoni(jiet) bit-talbiet waqt il-konnessjoni mal-partijiet dipendenti.	Tfixkil tas-servizzi (R13)
TR66	Attakkant jista' jifqa' servizz ta' proviżjonament tal-istatus bil-konnessjonijiet ma' partijiet dipendenti.	Tfixkil tas-servizzi (R13)
TR67	Attakkant jista' jagħmel il-preżentazzjoni tal-attribut tidher bħala kontestata/miċħuda, minkejja li l-preżentazzjoni tal-attribut tkun tiddikjara l-validità tagħha.	Tfixkil tas-servizzi (R13)
TR68	Attakkant jista' jirrevoka PID mingħajr raġuni ġustifikata.	Tfixkil tas-servizzi (R13)
TR69	Attakkant jista' jirrevoka PID mingħajr il-kunsens tal-utent.	Tfixkil tas-servizzi (R13)
TR70	Attakkant jista' jirrevoka (Q)EAA mingħajr raġuni ġustifikata.	Tfixkil tas-servizzi (R13)
TR71	Attakkant jista' jirrevoka (Q)EAA mingħajr il-kunsens tal-utent.	Tfixkil tas-servizzi (R13)
TR72	Attakkant jista' jiskatta talbiet multipli ta' identifikazzjoni mingħajr ma dawn jiġu rikonoxxuti bħala talbiet orfni intenzjonati.	Tfixkil tas-servizzi (R13)
TR73	Attakkant jista' jibgħat talbiet multipli mingħajr tranżazzjoni ta' segwitu.	Tfixkil tas-servizzi (R13)
TR74	Attakkant jista' jippermetti lil parti dipendenti titlob identifikazzjoni mingħajr identifikazzjoni (rispons) ta' tqabbil u kontroll sħiħ.	Tfixkil tas-servizzi (R13)
TR75	Attakkant jista' jibgħat risposta għal talba wara li tkun skadiet, jew sitwazzjonijiet simili li jwasslu għal tfixkil ta' servizz.	Tfixkil tas-servizzi (R13)
TR76	Parti dipendenti tista' tibgħat diversi talbiet invalidi.	Tfixkil tas-servizzi (R13)
TR77	Attakkant jista' jibgħat diversi talbiet invalidi lil fornitur tal-kartiera.	Tfixkil tas-servizzi (R13)
TR78	Attakkant jista' jwassal biex Stat Membru ma jkunx jista' jirrevoka fornitur tal-PIDs mhux fdat mil-lista ta' fiduċja tal-forniturі tal-PIDs fdati.	Tfixkil tas-servizzi (R13)
TR79	Attakkant jista' jevita s-sospensjoni jew ir-revoka ta' kartiera.	Tfixkil tas-servizzi (R13)

ID *Identifikatur*	Deskrizzjoni tat-theddida *Deskrizzjoni tat-theddida identifikata(*)*	Titlu tar-riskju *Riskji relatati*
TR80	Attakkant jista' jimblokka tranżazzjonijiet minn partijiet dipendenti, utenti u/jew fornitur tal-PIDs.	Tfixkil tas-servizzi (R13)
TR81	Attakkant jista' jiddiżattiva WSCD jew jagħmlu mhux disponibbli.	Tfixkil tas-servizzi (R13)
TR82	Attakkant jista' jwassal biex fornitur tal-PIDs ma jkunx jista' jirrevoka jew jissospendi l-PIDs.	Tfixkil tas-servizzi (R13) /Tranżazzjoni mhux awtorizzata (R9)
TR83	Parti dipendenti tista' tikseb id-*data* tal-identità tal-utent lil hinn mid-*data* kondiviża magħha.	Sorveljanza (R14)
TR84	Grupp ta' partijiet dipendenti jew fornituri tal-PIDs kollużivi jistgħu jiksbu d-*data* tal-identità tal-utent lil hinn mid-*data* magħrufa minnhom.	Sorveljanza (R14)
TR85	Attakkant jista' jintraċċa u jirrintraċċa utent billi juża *data* tal-identifikazzjoni tal-persuna tal-utent meta l-identifikazzjoni tal-utent ma tkunx meħtieġa.	Sorveljanza (R14)
TR86	Attakkant jista' jikkombina preżentazzjoni "falsifikata" ta' kombinamenti ta' (Q)EAAs.	Manipulazzjoni tat-tranżazzjonijiet (R10)
TR87	Attakkant jista' jattiva/jaħtaf il-kartiera mill-bogħod (eż., app bankarja li tinkorpora talba tal-awtentikazzjoni jew attestazzjoni) mingħajr il-kunsens espliċitu jew il-kontroll uniku tal-utent, u meta l-utent ma jkunx konxju (eż. rieqed), jew ma jkunx jista' jara l-parti dipendenti.	Manipulazzjoni tat-tranżazzjonijiet (R10)
TR88	Attakkanti jistgħu jagħmlu bidliet fil-metadata ta' talba (isem is-servizz, użi, eċċ.).	Manipulazzjoni tat-tranżazzjonijiet (R10)
TR89	Attakkanti jistgħu jagħmlu bidliet fl-informazzjoni dwar ir-rispons (l-istat tas-servizz, nonce, eċċ.).	Manipulazzjoni tat-tranżazzjonijiet (R10)
TR90	Attakkanti jistgħu jagħmlu bidliet fl-informazzjoni dwar l-attributi ta' talba (talb żejjed, eċċ.).	Manipulazzjoni tat-tranżazzjonijiet (R10)
TR91	Parti dipendenti tista' tirrepeti elementi minn sessjoni preċedenti f'sessjoni oħra.	Manipulazzjoni tat-tranżazzjonijiet (R10)
TR92	Attakkant jista' jissostitwixxi jew jimmodifika l-PID waqt it-trasferiment tiegħu mingħand il-fornitur tal-PIDs lejn l-unità tal-kartiera.	Manipulazzjoni tat-tranżazzjonijiet (R10)
TR93	Attakkant jista' jissostitwixxi jew jimmodifika l-PID waqt it-trasferiment tiegħu mingħand l-unità tal-kartiera lejn il-parti dipendenti online.	Manipulazzjoni tat-tranżazzjonijiet (R10)
TR94	Attakkant jista' jissostitwixxi jew jimmodifika l-PID waqt it-trasferiment tiegħu mingħand l-unità tal-kartiera lejn il-parti dipendenti offline.	Manipulazzjoni tat-tranżazzjonijiet (R10)
TR95	Attakkant jista' joħroġ PID mingħajr il-kunsens tal-utent.	Tranżazzjoni mhux awtorizzata (R9)
TR96	Attakkant jista' juża politiki tal-iżvelar inkorporat li jkunu ġew revokati jew li jkunu invalidi, possibbilment mingħajr l-għarfien tal-partijiet dipendenti.	Tranżazzjoni mhux awtorizzata (R9)
TR97	Attakkant jista' jqarraq bil-kartiera ħalli din tivverifika firem elettroniċi ħżiena.	Tranżazzjoni mhux awtorizzata (R9)
TR98	Attakkant jista' juża l-kartiera barra mill-kontroll tal-utent.	Tranżazzjoni mhux awtorizzata (R9)

ID *Identifikatur*	Deskrizzjoni tat-theddida *Deskrizzjoni tat-theddida identifikata(*)*	Titlu tar-riskju *Riskji relatati*
TR99	Attakkant jista' jikkonvinċi lil utent jawtentika u japprova tranżazzjonijiet ma' attakkant jew parti terza mhux awtorizzata.	Tranżazzjoni mhux awtorizzata (R9)
TR100	Attakkant jista' jwassal biex utent jiffirma b'mod elettroniku mingħajr ma jippreżenta l-kontenut lill-utent jew wara li jippreżenta kontenut ħażin.	Tranżazzjoni mhux awtorizzata (R9)
TR101	Attakkant jista' jaqbeż il-kontroll tal-aċċess tal-kont tal-utent mal-fornitur tal-kartiera.	Tranżazzjoni mhux awtorizzata (R9)
TR102	Attakkant jista' jimpersonifika lil partijiet dipendenti waqt il-konnessjoni ma' partijiet dipendenti.	Tranżazzjoni mhux awtorizzata (R9) / Żvelar tad-*data* (R6)
TR103	L-utent wara l-parti dipendenti – il-konnessjoni tal-brawżer tista' tkun differenti mill-utent wara l-parti dipendenti – il-konnessjoni tal-kartiera.	Tranżazzjoni mhux awtorizzata (R9) / Żvelar tad-*data* (R6) / Serq tal-identità (R4)
TR104	Attakkant jista' jikkonvinċi lill-utent jirrevoka l-kartiera tal-utent mingħajr raġuni.	Tranżazzjoni mhux awtorizzata (R9) / Tfixkil tas-servizzi (R13)
TR105	Attakkant jista' jwettaq attakki "man-in-the-middle".	Tranżazzjoni mhux awtorizzata (R9) / Żvelar tad-*data* (R6) / Sorveljanza (R14)
TR106	Attakkant jista' jippreżenta attributi invalidi jew revokati minn kartiera li ma tikkonnettjax regolarment man-network.	Effett fuq diversi riskji
TR107	Attakkant jista' jisraq informazzjoni mingħand utent permezz ta' spoofing tal-kartiera.	Effett fuq diversi riskji
TR108	Attakkant jista' jippersonifika lill-utent billi jirrepeti/jimita talba għad-*data* (eż. awtentikazzjoni), li tidher bħala valida.	Effett fuq diversi riskji
TR109	Attakkant jista' jirrepeti politika tal-iżvelar inkorporat lejn xi utent partikolari, biex jimita talba approvata.	Effett fuq diversi riskji
TR110	Attakkant jista' jisfrutta n-nuqqas ta' informazzjoni tal-utenti tal-kartiera, jew id-dewmien bla bżonn, wara ksur jew kompromess tas-sigurtà.	Effett fuq diversi riskji
TR111	Attakkant jista' jimmodifika istanza leġittima tal-kartiera li kienet installata qabel biex iżid karatteristiċi malizzjużi.	Effett fuq diversi riskji
TR112	Attakkant jista' jimmodifika istanza leġittima tal-kartiera u jipproponiha lill-utenti bħala waħda leġittima.	Effett fuq diversi riskji
TR113	Attakkant jista' jegħleb il-mekkaniżmu tal-awtentikazzjoni tal-utent innifsu biex jaqbeż l-awtentikazzjoni tal-utent tal-kartiera.	Effett fuq diversi riskji
TR114	Attakkant jista' jintroduċi kodiċi malizzjuż jew backdoors fil-kodiċi tal-kartiera waqt l-introduzzjoni tiegħu fl-apparat tal-utent.	Effett fuq diversi riskji
TR115	Attakkant jista' jintroduċi kodiċi malizzjuż jew backdoors fil-kodiċi tal-kartiera waqt l-iżvilupp tiegħu.	Effett fuq diversi riskji
TR116	Attakkant jista' jbagħbas il-ġenerazzjoni tan-numri każwali biex inaqqas l-entropija tagħhom b'tali mod li jippermetti l-attakki.	Effett fuq diversi riskji

ID *Identifikatur*	Deskrizzjoni tat-theddida *Deskrizzjoni tat-theddida identifikata*(*)	Titlu tar-riskju *Riskji relatati*
TR117	Attakkant jista' jbagħbas l-apparati tal-utenti fil-katina tal-provvista biex jinkludi kodiċi jew konfigurazzjonijiet li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet tal-użu tal-kartiera.	Effett fuq diversi riskji
TR118	Attakkant jista' jattiva unità tal-kartiera filwaqt li juża WSCD spoofed ikkontrollat mill-attakkanti.	Effett fuq diversi riskji
TR119	Attakkant jista' jaqra informazzjoni mibgħuta lid-WSCA u/jew lid-WSCD.	Effett fuq diversi riskji
TR120	Attakkant jista' jibgħat informazzjoni arbitrarja lid-WSCA.	Effett fuq diversi riskji
TR121	Attakkant jista' jisraq informazzjoni billi jinterċetta l-iskambji bejn id-WSCA u d-WSCD.	Effett fuq diversi riskji
TR122	Attakkant jista' jibgħat informazzjoni arbitrarja lid-WSCD.	Effett fuq diversi riskji
TR123	Attakkant jista' jibgħat informazzjoni lid-WSCD, filwaqt li jaqbeż lid-WSCA.	Effett fuq diversi riskji
TR124	Attakkant jista' juża l-phishing biex iwassal lill-utenti għal applikazzjoni web falza tal-ġestjoni tal-kartiera u tal-PID.	Effett fuq diversi riskji
TR125	Attakkant jista' jissostitwixxi l-kjavi ta' kartiera bi kjavi oħra ħalli joħloq messaġġi biex jintużaw f'attakk ieħor.	Effett fuq diversi riskji
TR126	Attakkant jista' jimmodifika jew jeqred il-kjavi ta' kartiera ħalli xi funzjonijiet tal-kartiera ma jkunux jistgħu jintużaw.	Effett fuq diversi riskji
TR127	Attakkant jista' jikkontrolla malware biex jaċċessa d-*data* maħżuna fil-kartiera.	Effett fuq diversi riskji
TR128	Attakkant jista' jaċċessa l-evidenza ġġenerata fil-kartiera.	Effett fuq diversi riskji
TR129	Fornituri tal-kartieri jistgħu jaċċessaw oġġetti fil-kartiera.	Effett fuq diversi riskji
TR130	Fornituri tal-kartieri jistgħu jaċċessaw evidenza ġġenerata fil-kartiera.	Effett fuq diversi riskji
TR131	Attakkant jista' jisraq apparat tal-kartiera mhux illokkjat.	Effett fuq diversi riskji
TR132	Attakkant jista' jimmanipula s-sistema biex jevita li ċerti avvenimenti jiġu rreġistrati.	Effett fuq diversi riskji
TR133	Attakkant jista' jinterċetta komunikazzjoni bejn l-istanza tal-kartiera u d-WSCA, jew jirrepeti/jimita utent (eż. billi jaħtaf il-mekkaniżmu tal-awtentikazzjoni).	Effett fuq diversi riskji

ANNESS II

KRITERJI GĦALL-VALUTAZZJONI TAL-AĊĊETTABBILTÀ TAL-INFORMAZZJONI DWAR L-ASSIGURAZZJONI

Isem	Oġġett	Punti ta' attenzjoni
EUCC	Prodotti tal-ICT	Dwar l-emittent: xejn (korpi taċ-ċertifikazzjoni akkreditati) Dwar l-ambitu: — Iċċekkja l-profil tal-protezzjoni u l-mira tas-sigurtà — Iċċekkja l-livell tal-assigurazzjoni tal-evalwazzjoni u l-awmentazzjonijiet Dwar l-assigurazzjoni: — Iċċekkja r-restrizzjonijiet fid-dokumentazzjoni tal-utent — Għal kompożizzjoni, jaf ikun hemm bżonn aċċess għal rapport tekniku tal-evalwazzjoni
EUCS (meta disponibbli)	Servizzi tal-cloud	Dwar l-emittent: xejn (korpi taċ-ċertifikazzjoni akkreditati) Dwar l-ambitu: — Iċċekkja d-deskrizzjoni tas-servizz tal-cloud — Iċċekkja l-livell tal-evalwazzjoni u l-profili tal-estensjoni Dwar l-assigurazzjoni: — Iċċekkja l-informazzjoni dwar it-trasparenza u, jekk meħtieġ, l-informazzjoni dwar il-kompożizzjoni
Skemi tal-Kriterji Komuni operati fl-UE, inkluż skemi SOG-IS	Prodotti tal-ICT	Dwar l-emittent: xejn (Stati Membri) Dwar l-ambitu: — Iċċekkja l-profil tal-protezzjoni u l-mira tas-sigurtà — Iċċekkja l-livell tal-assigurazzjoni tal-evalwazzjoni u l-awmentazzjonijiet Dwar l-assigurazzjoni: — Iċċekkja r-restrizzjonijiet fid-dokumentazzjoni tal-utent — Għal kompożizzjoni, jaf ikun hemm bżonn aċċess għal rapport tekniku tal-evalwazzjoni
EN 17640:2018 (FITCEM, inkluż CSPN, BSZ, LINCE, BSZA)	Prodotti tal-ICT	Dwar l-emittent: — Iċċekkja l-iskema u r-rekwiżiti għall-korpi taċ-ċertifikazzjoni Dwar l-ambitu: — Iċċekkja d-deskrizzjoni tal-prodott — Iċċekkja l-pretensjonijiet tas-sigurtà — Iċċekkja l-livell tal-assigurazzjoni Dwar l-assigurazzjoni: — Iċċekkja l-attivitajiet imwettqa u s-sejbiet fir-rapport
Skemi taċ-ċertifikazzjoni ta' apparat kwalifikat għall-ħolqien ta' firem f'konformità mal-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) Nru 910/2014	QSCD	Dwar l-emittent: — Iċċekkja l-iskema u r-rekwiżiti għall-korpi taċ-ċertifikazzjoni Dwar l-ambitu: — Iċċekkja d-deskrizzjoni tal-prodott — Iċċekkja l-pretensjonijiet tas-sigurtà — Iċċekkja l-livell tal-assigurazzjoni Dwar l-assigurazzjoni: — Iċċekkja l-attivitajiet imwettqa

Isem	Oġġett	Punti ta' attenzjoni
EN ISO/IEC 27001:2022	ISMS	Dwar l-emittent: (Korpi taċ-ċertifikazzjoni akkreditati) Dwar l-ambitu: — Iċċekkja d-deskrizzjoni tas-sistema tal-ġestjoni — Iċċekkja d-dikjarazzjoni tal-applikabbiltà Dwar l-assigurazzjoni: — Iċċekkja l-attivitajiet imwettqa
SOC2	Organizzazzjoni-jiet	Dwar l-emittent: — Iċċekkja l-istatus tal-kontabilista pubbliku tagħhom Dwar l-ambitu: — Iċċekkja d-Dikjarazzjoni tal-Ġestjoni u d-deskrizzjoni tal-kontrolli — Iċċekkja d-dikjarazzjoni tal-applikabbiltà Dwar l-assigurazzjoni: — Iċċekkja s-sejbiet fir-rapport — Iċċekkja l-ittri tranżitorji jekk meħtieġ
MDSCert (GSMA) (meta disponibbli)	Apparati Mobbli	Dwar l-emittent: — Iċċekkja r-rekwiżiti għall-korpi taċ-ċertifikazzjoni Dwar l-ambitu: — Iċċekkja l-livell tal-assigurazzjoni tas-sigurtà — Iċċekkja r-rekwiżiti tal-iskema Dwar l-assigurazzjoni: — Iċċekkja l-attivitajiet u s-sejbiet fir-rapport
Skemi oħra	Kwalunkwe komponent	Dwar l-iskema: — Iċċekkja r-rilevanza u d-dispożizzjonijiet tal-iskema Dwar l-emittent: — Iċċekkja r-rekwiżiti għall-korpi taċ-ċertifikazzjoni Dwar l-ambitu: — Iċċekkja r-rekwiżiti tal-iskema — Iċċekkja l-mira tas-sigurtà jew dokument simili li jiddeskrivi r-rekwiżiti funzjonali u tal-assigurazzjoni tas-sigurtà — Iċċekkja d-deskrizzjoni tal-prodott u r-rekwiżiti funzjonali tas-sigurtà magħżula Dwar l-assigurazzjoni: — Iċċekkja l-attivitajiet u s-sejbiet fir-rapport

ANNESS III

REKWIŻITI FUNZJONALI GĦAS-SOLUZZJONIJIET TAL-KARTIERA

Skont l-Artikolu 5a(4), (5), (8) u (14) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014, il-kriterji funzjonali li għandhom jiġu ssodisfati minn soluzzjoni ta' kartiera ċċertifikata u mill-iskema tal-identifikazzjoni elettronika li biha jingħataw, għandhom jinkludu r-rekwiżiti funzjonali għall-operazzjonijiet elenkati f'dan li ġej:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2979 ([1]) li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-integrità u l-funzjonalitajiet ewlenin;

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2982 ([2]) li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-protokolli u l-interfaċċi li għandhom jiġu appoġġati mill-Qafas Ewropew għall-Identità Diġitali;

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2977 ([3]) li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-*data* tal-identifikazzjoni tal-persuna u l-attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi maħruġa lill-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali.

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2979 tat-28 ta' Novembru 2024 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-integrità u l-funzjonalitajiet ewlenin (ĠU L, 2024/2979, 4.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/2979/oj).

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2982 tat-28 ta' Novembru 2024 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-protokolli u l-interfaċċi li għandhom jiġu appoġġati mill-Qafas Ewropew għall-Identità Diġitali (ĠU L, 2024/2982, 4.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/2982/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2977 tat-28 ta' Novembru 2024 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-*data* tal-identifikazzjoni tal-persuna u l-attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi maħruġa lill-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali (ĠU L, 2024/2977, 4.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/2977/oj).

ANNESS IV

METODI U PROĊEDURI GĦALL-ATTIVITAJIET TAL-EVALWAZZJONI

1. **Awditjar tal-implimentazzjoni ta' soluzzjoni tal-kartiera**

Attività tal-valutazzjoni tal-konformità għandha tikkonsisti mill-għażla ta' attivitajiet speċifiċi tal-evalwazzjoni.

L-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandhom jispeċifikaw attività tal-evalwazzjoni biex jivvalutaw l-informazzjoni pprovduta, li tkun tkopri mqar dan li ġej:

(a) analiżi tal-informazzjoni pprovduta biex tikkonferma li hi adattata għal waħda mill-arkitetturi speċifikati fl-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni;

(b) analiżi tal-kopertura tar-riskji u t-theddidiet għaċ-ċibersigurtà identifikati fir-reġistru tar-riskji tal-Anness I mill-kontrolli tas-sigurtà deskritti.

L-analiżijiet imsemmija fil-punti (a) sa (b) għandhom jistrieħu fuq ir-raġunament u l-ġustifikazzjoni pprovduti mill-fornitur tal-kartiera.

2. **Attivitajiet tal-evalwazzjoni relatati mal-apparat kriptografiku sigur tal-kartiera**

(1) M'hemmx bżonn li l-operazzjonijiet kritiċi, inkluż il-komputazzjonijiet kriptografiċi, jiġu implimentati għalkollox fid-WSCD. Iżda l-parti implimentata fid-WSCD, meta topera bħala parti mis-soluzzjoni tal-kartiera, għandha tiggarantixxi l-protezzjoni tal-operazzjonijiet kritiċi li twettaq kontra attakki minn attakkanti b'potenzjal qawwi ta' attakk f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1502 ([1]).

(2) Id-WSCD jew parti minnu jista' jkun fl-oġġett taċ-ċertifikazzjoni meta jiġi pprovdut mid-detentur taċ-ċertifikat jew mill-applikant, jew barra mill-ambitu tiegħu meta jkun inkorporat f'apparat ipprovdut mill-utent finali. Barra minn hekk, l-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandhom jispeċifikaw l-attivitajiet tal-evalwazzjoni biex jivverifikaw l-adegwatezza tad-WSCD, fiż-żewġ każijiet li ġejjin:

(a) jekk id-WSCA jiddependi mid-WSCD partikolari (jiġifieri jekk hemmx bżonn li jiġi evalwat bħala prodott kompost ibbażat fuq id-WSCD), l-evalwazzjoni tad-WSCA għandha titlob aċċess għal informazzjoni addizzjonali relatata maċ-ċertifikazzjoni tad-WSCD, inkluż, b'mod partikolari, ir-rapport tekniku tal-evalwazzjoni tagħha;

(b) jekk arkitettura meqjusa fl-iskema tuża diversi WSCDs, jew jekk xi wħud mill-operazzjonijiet fuq assi kritiċi jsiru barra mid-WSCD, l-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandhom jinkludu attivitajiet tal-evalwazzjoni biex ikun żgurat li s-soluzzjoni ġenerali toffri l-livell mistenni tas-sigurtà.

(3) Bħala prerekwiżit għaċ-ċertifikazzjoni skont l-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni, id-WSCD għandu jiġi vvalutat skont ir-rekwiżiti ta' livell għoli tal-assigurazzjoni kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1502.

(a) Meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet fl-Artikolu 3(3)(b), l-evalwazzjoni tad-WSCD jew ta' parti minnu għandha tinkludi valutazzjoni tal-vulnerabbiltajiet kif stabbilit fl-EN ISO/IEC 15408-3:2022 fil-livell AVA_VAN.5, kif stabbilit fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/482 ([2]), doment li ma jkunx debitament ġustifikat għall-korp taċ-ċertifikazzjoni li l-karatteristiċi tas-sigurtà tad-WSCA jagħmluha possibbli li jintuża livell aktar baxx tal-valutazzjoni filwaqt li jinżamm l-istess livell għoli tal-assigurazzjoni ġenerali kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1502.

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1502 tat-8 ta' Settembru 2015 li jistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi u proċeduri minimi għal-livelli ta' assigurazzjoni għall-mezzi ta' identifikazzjoni elettronika skont l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern (ĠU L 235, 9.9.2015, p. 7, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2015/1502/oj).

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/482 tal-31 ta' Jannar 2024 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-adozzjoni tal-iskema Ewropea taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà bbażata fuq il-Kriterji Komuni (EUCC) (ĠU L, 2024/482, 7.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/482/oj).

(4) Barra minn hekk, fid-dokumentazzjoni relatata ma' kull arkitettura speċifika, l-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandhom jifformulaw suppożizzjonijiet għal din l-evalwazzjoni tad-WSCD li bihom tista' tinkiseb reżistenza kontra l-attakkanti b'potenzjal qawwi ta' attakk f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1502 u jispeċifikaw l-attivitajiet tal-evalwazzjoni biex jikkonfermaw dawn is-suppożizzjonijiet u biex jikkonfermaw wara l-ħruġ taċ-ċertifikat li s-suppożizzjonijiet għadhom ivverifikati. L-iskemi nazzjonali għandhom jitolbu wkoll li l-kandidati jiċċertifikaw biex jirfinaw dawn is-suppożizzjonijiet għall-implimentazzjoni speċifika tagħhom, u biex jiddeskrivu l-miżuri fis-seħħ biex jiggarantixxu li s-suppożizzjonijiet jiġu vverifikati tul iċ-ċiklu tal-ħajja taċ-ċertifikazzjoni.

(5) Fil-każijiet kollha, l-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandhom jinkludu attività tal-evalwazzjoni biex jivverifikaw li l-informazzjoni dwar l-assigurazzjoni disponibbli għad-WSCD tkun xierqa għall-fini tas-soluzzjoni tal-kartiera, b'analiżi tal-informazzjoni dwar l-assigurazzjoni, bħall-mira tas-sigurtà għaċ-ċertifikati tal-EUCC, inkluż l-attivitajiet li ġejjin:

(a) il-verifika li l-ambitu tal-evalwazzjoni hu adegwat, li għaċ-ċertifikati tal-EUCC, pereżempju, tfisser il-verifika li d-dikjarazzjoni tas-sigurtà fil-mira hija konformi ma' wieħed mill-profili tal-protezzjoni rakkomandati fl-EUCC;

(b) il-verifika li s-suppożizzjonijiet dwar l-ambjent operattiv huma kompatibbli mas-soluzzjoni tal-kartiera, li għaċ-ċertifikati tal-EUCC, pereżempju, tfisser li dawn is-suppożizzjonijiet jistgħu jinstabu fil-mira tas-sigurtà;

(c) il-verifika li r-rakkomandazzjonijiet fil-gwida jew fid-dokumentazzjoni tal-utenti huma kompatibbli mal-kundizzjonijiet li fuqhom id-WSCD għandu jintuża fis-soluzzjoni tal-kartiera;

(d) il-verifika li s-suppożizzjonijiet magħmula fl-iskema nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni dwar id-WSCDs jiġu vverifikati u koperti fl-informazzjoni dwar l-assigurazzjoni.

(6) Meta wħud mill-verifiki ma jkunux konklużivi għalkollox, l-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandhom jeżiġu li l-korpi taċ-ċertifikazzjoni jispeċifikaw ir-rekwiżiti tal-kumpens għall-applikazzjoni kriptografika sigura tal-kartiera (WSCA) abbażi tad-WSCD, li jridu jiddaħħlu fl-evalwazzjoni tad-WSCA. Jekk dan ma jkunx possibbli, l-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandhom iqisu d-WSCD bħala mhux adegwat, jiġifieri li s-soluzzjoni tal-kartiera ma għandhiex tinħarġilha ċertifikat tal-konformità.

3. **Attivitajiet tal-evalwazzjoni relatati mal-applikazzjoni kriptografika sigura tal-kartiera (WSCA)**

(1) L-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandhom jeżiġu li WSCA, bħala parti minn soluzzjoni tal-kartiera, tiġi evalwata skont ir-rekwiżiti ta' mill-inqas livell għoli tal-assigurazzjoni kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1502.

(2) Din l-evalwazzjoni għandha tinkludi valutazzjoni tal-vulnerabbiltajiet, kif stabbilit fl-EN ISO/IEC 15408-3:2022 fil-livell AVA_VAN.5, kif stabbilit fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/482, diment li ma jkunx debitament ġustifikat għall-korp taċ-ċertifikazzjoni li l-karatteristiċi tas-sigurtà tad-WSCA jagħmluha possibbli li jintuża livell aktar baxx tal-valutazzjoni filwaqt li jinżamm l-istess livell għoli tal-assigurazzjoni ġenerali kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1502.

(3) Meta d-WSCA ma tingħatax mill-fornitur tal-kartiera, l-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandhom jifformulaw suppożizzjonijiet għal din l-evalwazzjoni tad-WSCA li bihom tista' tinkiseb reżistenza kontra l-attakkanti b'potenzjal qawwi ta' attakk f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1502 u jispeċifikaw l-attivitajiet tal-evalwazzjoni biex jikkonfermaw dawn is-suppożizzjonijiet u biex jikkonfermaw wara l-ħruġ taċ-ċertifikat li s-suppożizzjonijiet għadhom ivverifikati. L-iskemi nazzjonali għandhom jitolbu wkoll li l-kandidati jiċċertifikaw biex jirfinaw dawn is-suppożizzjonijiet għall-implimentazzjoni speċifika tagħhom, u biex jiddeskrivu l-miżuri fis-seħħ biex jiggarantixxu li s-suppożizzjonijiet jiġu vverifikati tul iċ-ċiklu tal-ħajja taċ-ċertifikazzjoni.

(4) Fil-każijiet kollha, l-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandhom jinkludu attività tal-evalwazzjoni biex jivverifikaw li l-informazzjoni dwar l-assigurazzjoni disponibbli għad-WSCA tkun xierqa għall-fini tas-soluzzjoni tal-kartiera, b'analiżi tal-informazzjoni dwar l-assigurazzjoni, bħall-mira tas-sigurtà għaċ-ċertifikati tal-EUCC, inkluż l-attivitajiet li ġejjin:

(a) il-verifika li l-ambitu tal-evalwazzjoni hu adegwat, li għaċ-ċertifikati tal-EUCC, pereżempju, tfisser il-verifika li d-dikjarazzjoni tas-sigurtà fil-mira hija konformi ma' wieħed mill-profili tal-protezzjoni rakkomandati fl-EUCC;

(b) il-verifika li s-suppożizzjonijiet dwar l-ambjent operattiv huma kompatibbli mas-soluzzjoni tal-kartiera, li għaċ-ċertifikati tal-EUCC, pereżempju, tfisser li dawn is-suppożizzjonijiet jistgħu jinstabu fil-mira tas-sigurtà;

(c) il-verifika li r-rakkomandazzjonijiet fil-gwida jew fid-dokumentazzjoni tal-utenti huma kompatibbli mal-kundizzjonijiet li fuqhom id-WSCA għandha tintuża fis-soluzzjoni tal-kartiera;

(d) il-verifika li s-suppożizzjonijiet magħmula fl-iskema nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni dwar id-WSCAs jiġu vverifikati u koperti fl-informazzjoni dwar l-assigurazzjoni.

(5) L-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandhom jeżiġu li l-evalwazzjoni tad-WSCA tkun tkopri l-kontrolli kollha tas-sigurtà implimentati minn din id-WSCA.

4. **Attivitajiet tal-evalwazzjoni relatati mal-apparat tal-utent finali**

Peress li r-reġistru tar-riskji, kif stabbilit fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, jidentifika riskji li huma marbuta direttament mas-sigurtà tal-apparat tal-utent finali, l-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandhom jispeċifikaw ir-rekwiżiti tas-sigurtà għall-apparati tal-utent finali. Iżda billi dawn l-apparati jipprovdihom l-utent finali u mhux il-fornitur tal-kartieri, dawn ir-rekwiżiti għandhom ikunu koperti minn suppożizzjonijiet.

Għal kull suppożizzjoni, is-soluzzjoni tal-kartiera għandha tinkludi mekkaniżmu li jivverifika għal kull unità tal-kartiera li l-apparat tal-utent finali sottostanti jissodisfa s-suppożizzjoni. Dawn il-mekkaniżmi għandhom jitqiesu bħala kontrolli tas-sigurtà u koperti minn attivitajiet tal-evalwazzjoni biex juru l-adegwatezza tagħhom kif ukoll l-effettività tagħhom fil-livell tal-assigurazzjoni xieraq.

Hawn taħt qed jingħataw żewġ eżempji:

(a) apparat tal-utent finali jista' jinkludi WSCD iċċertifikat, li jeħtieġ li jintwera. Tipikament, dan isir b'mekkaniżmu kriptografiku biex tiġi vverifikata l-preżenza ta' sigriet kriptografiku fid-WSCD iċċertifikat li jkun disponibbli biss fid-WSCD iċċertifikat. F'dan il-każ, dan is-sigriet kriptografiku għandu jitqies bħala assi kritiku u jkun kopert miċ-ċertifikazzjoni tad-WSCD u/jew tad-WSCA;

(b) rekwiżit tipiku għall-apparati tal-utent finali jkun li l-apparati jridu jirċievu aġġornamenti tas-sigurtà. Peress li dan ir-rekwiżit hu relatat mal-istanza tal-kartiera, il-mekkaniżmu użat biex jivverifika d-disponibbiltà ta' aġġornamenti tas-sigurtà jeħtieġ jiġi kopert biss minn attivitajiet tal-evalwazzjoni f'livell tal-assigurazzjoni adegwat għall-istanza tal-kartiera, speċjalment peress li aktarx jiġi integrat fl-istanza tal-kartiera.

5. **Attivitajiet tal-evalwazzjoni relatati mal-istanza tal-kartiera**

(1) L-evalwazzjoni tal-istanza tal-kartiera għandha tqis iż-żewġ sfidi ewlenin li ġejjin:

(a) l-istanza tal-kartiera aktarx li teżisti f'sett ta' varjanti tal-istess applikazzjoni bażi, b'kull varjant speċjalizzat għal kategorija speċifika tal-apparati tal-utent finali;

(b) il-varjanti differenti tal-istanza tal-kartiera aktarx li jkunu jeħtieġu aġġornamenti frekwenti biex jiġi segwit l-iżvilupp tal-pjattaforma tas-sigurtà sottostanti, pereżempju meta jiġu identifikati vulnerabbiltajiet li jeħtieġu bidliet fl-applikazzjonijiet.

(2) L-evalwazzjoni tal-istanza tal-kartiera għandha tqis dawn l-isfidi speċifiċi. Waħda mill-konsegwenzi immedjati hi li l-qafas tal-Kriterji Komuni jaf ma jkunx adattat fil-każijiet kollha. Għalhekk għandhom jitqiesu metodoloġiji alternattivi tal-evalwazzjoni meta meħtieġ. L-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandhom iqisu l-użu tal-metodoloġija EN 17640:2018 għal dawn li ġejjin:

(a) bħala parti mill-iskema nnifisha;

(b) permezz ta' skemi nazzjonali bbażati fuq il-metodoloġija;

(c) permezz ta' skemi nazzjonali bbażati fuq prinċipji simili iżda maħluqa qabel l-iżvilupp tal-metodoloġija EN 17640:2018.

(3) Barra minn hekk, peress li jaf ikun hemm valur miżjud limitat fit-twettiq ta' evalwazzjoni apposta sħiħa ta' kull varjant, l-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandhom jikkunsidraw li jispeċifikaw il-kriterji li jippermettu li jsir kampjunar, biex tkun evitata r-ripetizzjoni tal-attivitajiet tal-evalwazzjoni identiċi u biex issir enfasi fuq attivitajiet li huma speċifiċi għal varjant partikolari. L-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandhom jeżiġu li l-korpi taċ-ċertifikazzjoni kollha jiġġustifikaw l-użu tagħhom tal-kampjunar.

(4) L-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandhom jinkludu aġġornamenti tal-istanza tal-kartiera fil-proċess ġenerali tal-ġestjoni tat-tibdil speċifikat għas-soluzzjoni tal-kartiera. Għandhom jistabbilixxu wkoll regoli dwar il-proċeduri li jrid iwettaq il-fornitur tal-kartiera għal kull aġġornament (eż. l-analiżi tal-impatt tal-bidliet fuq il-kontrolli tas-sigurtà), u dwar l-attivitajiet tal-evalwazzjoni li jrid iwettaq il-korp taċ-ċertifikazzjoni fuq l-aġġornamenti fil-kundizzjonijiet speċifikati (eż. il-valutazzjoni tal-effettività operattiva ta' kontroll tas-sigurtà modifikat). Il-proċess tal-ġestjoni tat-tibdil hu wieħed mill-proċessi li l-effettività operattiva tiegħu jeħtieġ tiġi vverifikata kull sena f'konformità mal-Artikolu 18(3).

6. **Attivitajiet tal-evalwazzjoni relatati mas-servizzi u l-proċessi użati għall-forniment u t-tħaddim tas-soluzzjoni tal-kartiera**

(1) Għall-evalwazzjoni tas-servizzi u l-proċessi li jaqdu rwol fil-forniment u t-tħaddim tas-soluzzjoni tal-kartiera u l-iskema tal-identifikazzjoni elettronika li biha jingħataw, it-tim tal-evalwazzjoni għandu jiġbor evidenza billi jwettaq attivitajiet tal-evalwazzjoni li jistgħu jinkludu attivitajiet tal-awditjar, spezzjoni, verifika u validazzjoni.

(2) Il-korp taċ-ċertifikazzjoni għandu jikkonferma s-suffiċjenza u l-adegwatezza tal-evidenza biex jipprovdi assigurazzjoni suffiċjenti li s-servizzi u l-proċessi jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni, billi jikkonferma dan li ġej:

(a) l-eżattezza tal-informazzjoni ppreżentata fid-deskrizzjoni tal-proċessi u s-servizzi;

(b) l-adegwatezza tad-disinn u l-kontrolli tal-proċessi u s-servizzi biex jiġu ssodisfati l-kriterji tal-evalwazzjoni;

(c) l-effettività operattiva ta' implimentazzjoni ta' dawn il-kontrolli tul perjodu speċifikat qabel l-evalwazzjoni.

(3) L-eżattezza tad-deskrizzjoni u l-effettività operattiva ta' implimentazzjoni tal-kontrolli jistgħu jitqiesu bħala objettivi tal-verifika, fis-sens tal-ISO/IEC 17000:2020, tal-pretensjonijiet korrispondenti mill-fornitur tal-kartiera (jiġifieri l-konferma tal-korrettezza tal-avvenimenti li diġà ġraw jew r-riżultati li diġà nkisbu), filwaqt li l-adegwatezza tad-disinn u l-kontrolli tas-servizzi u l-proċessi biex jiġu ssodisfati l-kriterji tal-evalwazzjoni jistgħu jitqiesu bħala objettiv tal-validazzjoni, fis-sens tal-ISO/IEC 17000:2020, tal-pretensjoni korrispondenti mill-fornitur tal-kartiera (jiġifieri konferma tal-plawżibbiltà fir-rigward ta' użu futur maħsub jew eżitu projettat).

(4) Meta wieħed iqis li soluzzjoni tal-kartiera ma titħalliex topera qabel ma tiġi ċċertifikata, l-effettività tal-operat ma tistax tiġi kkonfermata abbażi tal-operazzjoni attwali tas-soluzzjoni. Għalhekk, dan għandu jiġi kkonfermat bl-evidenza miġbura waqt it-testijiet jew il-pilotaġġ.

(5) L-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni jistgħu diġà jeżistu għal servizzi u proċessi speċifiċi, pereżempju għall-inklużjoni tal-utenti. L-użu ta' dawn l-iskemi għandu jitqies mill-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni, jekk applikabbli.

7. **Attivitajiet tal-evalwazzjoni relatati mas-servizzi tal-ICT użati għall-forniment u t-tħaddim tas-soluzzjoni tal-kartiera**

(1) Uħud mill-arkitetturi tal-kartieri jistgħu jistrieħu fuq servizzi tal-ICT iddedikati, inkluż servizzi tal-cloud għall-forniment u t-tħaddim ta' soluzzjoni tal-kartiera, u dawn is-servizzi jistgħu jospitaw *data* sensittiva kif ukoll operazzjonijiet sensittivi. F'każ bħal dan, l-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandhom jispeċifikaw ir-rekwiżiti tas-sigurtà għal dawn is-servizzi tal-ICT.

(2) Diġà jeżistu ħafna skemi taċ-ċertifikazzjoni għas-servizzi tal-ICT, għas-servizzi tal-cloud, u għal sorsi oħra tal-informazzjoni dwar l-assigurazzjoni, inkluż dawk elenkati fl-Anness II. L-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandhom jiddependu, meta jkunu disponibbli u applikabbli, minn dawk il-mekkaniżmi eżistenti, b'wieħed mill-mekkaniżmi li ġejjin:

(a) l-għoti ta' mandat għall-użu ta' skema speċifika jew ta' bosta skemi, billi jiġu speċifikati l-kundizzjonijiet li skonthom għandhom jiġu vvalutati s-servizzi tal-ICT jew tal-cloud bl-użu ta' dawn l-iskemi;

(b) li titħalla l-għażla tal-valutazzjoni f'idejn il-fornitur tal-kartiera u tintuża l-attività tal-analiżi tad-dipendenza biex tiġi analizzata l-adegwatezza tal-informazzjoni dwar l-assigurazzjoni miksuba tul dawn il-valutazzjonijiet.

(3) Fiż-żewġ każijiet, l-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandhom jispeċifikaw attivitajiet tal-evalwazzjoni addizzjonali kif meħtieġ biex tiġi analizzata jew supplimentata l-informazzjoni miksuba b'dawn l-iskemi.

ANNESS V

LISTA TAL-INFORMAZZJONI DISPONIBBELI GĦALL-PUBBLIKU DWAR IL-KARTIERI

1. L-informazzjoni li trid issir pubblika skont l-Artikolu 8(5) għandha tinkludi mqare dan li ġej:
   (a) kull limitazzjoni fuq l-użu ta' soluzzjoni tal-kartiera;
   (b) gwida u rakkomandazzjonijiet mill-fornitur tal-kartiera biex jassisti lill-utenti finali fil-konfigurazzjoni, l-installazzjoni, l-implimentazzjoni, it-tħaddim u l-manutenzjoni siguri tal-kartieri;
   (c) il-perjodu li matulu se jiġi offrut appoġġ għas-sigurtà lill-utenti finali, b'mod partikolari fir-rigward tad-disponibbiltà ta' aġġornamenti relatati maċ-ċibersigurtà;
   (d) informazzjoni tal-kuntatt tal-manifattur jew tal-fornitur u metodi aċċettati biex tasal l-informazzjoni dwar il-vulnerabbiltajiet mingħand l-utenti finali u r-riċerkaturi tas-sigurtà;
   (e) referenza għal repożitorji online li jelenkaw il-vulnerabbiltajiet żvelati pubblikament b'rabta mal-kartieri, u għal xi pariri rilevanti dwar iċ-ċibersigurtà.

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun disponibbli b'mod ċar, komprensiv u faċilment aċċessibbli, fi spazju aċċessibbli għall-pubbliku, għal kull persuna li trid tuża soluzzjoni tal-kartiera.

ANNESS VI

METODOLOĠIJA GĦALL-VALUTAZZJONI TAL-AĊĊETTABBILTÀ TAL-INFORMAZZJONI DWAR L-ASSIGURAZZJONI

1. Il-valutazzjoni tad-disponibbiltà tad-dokumentazzjoni tal-assigurazzjoni

L-evalwaturi għandhom jelenkaw id-dokumentazzjoni tal-assigurazzjoni disponibbli għal kull komponent rilevanti tas-soluzzjoni tal-kartiera u l-iskema tal-identifikazzjoni elettronika li biha jingħataw. Imbagħad, l-evalwaturi għandhom jivvalutaw ir-rilevanza ġenerali ta' kull biċċa dokumentazzjoni tal-assigurazzjoni għar-rieżami tad-dipendenza.

Fl-analiżi għandhom jitqiesu l-aspetti li ġejjin:

(1) dwar id-dokumentazzjoni tal-assigurazzjoni nnifisha:

(a) it-tip ta' dokumentazzjoni tal-assigurazzjoni, bid-dettalji kollha meħtieġa,

(eżempji ta' dawn id-dokumenti huma ċertifikati tal-konformità skont l-EN ISO/IEC 27001:2022 jew Tip 1 jew Tip 2 għar-rapporti tal-ISAE);

(b) il-perjodu kopert jew il-perjodu ta' validità,

(dan il-perjodu jista' jiġi ssupplimentat b'ittra tranżitorja (dokument li jkopri perjodu taż-żmien mid-data tat-tmiem tal-perjodu tar-rapportar tar-rapport attwali tal-ISAE, u sal-ħruġ ta' rapport ġdid tal-ISAE) jew dikjarazzjoni simili);

(c) il-qafas applikabbli (eż. l-istandard eżistenti);

(d) jekk id-dokumentazzjoni tal-assigurazzjoni tinkludix immappjar tar-rekwiżiti tal-iskema.

(2) dwar il-kompetenza professjonali u l-imparzjalità tal-emittent tar-rapport tal-assigurazzjoni:

(a) l-isem tal-korp taċ-ċertifikazzjoni u, jekk disponibbli, l-isem tal-evalwatur ewlieni;

(b) evidenza tal-kompetenza tal-korp taċ-ċertifikazzjoni u tal-evalwatur (eż. akkreditazzjoni, ċertifikazzjoni personali, eċċ.);

(c) evidenza tal-imparzjalità tal-korp taċ-ċertifikazzjoni u tal-evalwatur (eż. akkreditazzjoni, eċċ.).

2. Valutazzjoni tal-assigurazzjoni relatata mar-rekwiżiti individwali

L-evalwaturi għandhom jivverifikaw li d-dokumentazzjoni tal-assigurazzjoni disponibbli għas-soluzzjoni tal-kartiera u għall-iskema tal-identifikazzjoni elettronika li biha jingħataw, tkun adegwata biex tiddetermina li s-soluzzjoni tal-kartiera tissodisfa l-aspettattivi relatati mar-rekwiżiti individwali tal-iskema taċ-ċertifikazzjoni.

Din il-valutazzjoni għandha ssir għal kull komponent rilevanti tas-soluzzjoni tal-kartiera u l-iskema tal-identifikazzjoni elettronika li biha jingħataw, billi tiġi fformulata suppożizzjoni dwar il-kontrolli tas-sigurtà tas-soluzzjoni tal-kartiera.

Għal kull suppożizzjoni bħal din, it-tim tal-evalwazzjoni għandu jiddetermina jekk l-assigurazzjoni pprovduta fid-dokumentazzjoni tal-assigurazzjoni disponibbli hix adegwata jew le.

Id-determinazzjoni li l-assigurazzjoni hi adegwata għandha tkun ibbażata fuq dan li ġej:

(1) li l-informazzjoni meħtieġa hija disponibbli, bil-livell tal-assigurazzjoni mistenni, fid-dokumentazzjoni tal-assigurazzjoni;

(2) li l-informazzjoni disponibbli fid-dokumentazzjoni tal-assigurazzjoni ma tkoprix l-ambitu kollu tar-rekwiżit, iżda kontrolli addizzjonali jew kontrolli kumpensatorji (jiġifieri kontrolli interni li jnaqqsu r-riskju ta' dgħjufija eżistenti jew potenzjali fil-kontroll) implimentati fis-soluzzjoni tal-kartiera jew fl-iskema tal-identifikazzjoni elettronika li biha jingħataw jippermettu lill-evalwaturi, ikunu jiddeterminaw li l-informazzjoni hija adegwata;

(3) li l-informazzjoni disponibbli fid-dokumentazzjoni tal-assigurazzjoni ma toffrix il-livell tal-assigurazzjoni mistenni iżda l-kontrolli implimentati għall-valutazzjoni u l-monitoraġġ tal-fornitur tal-kartiera jippermettu lill-evalwaturi jiddeterminaw li l-informazzjoni hija adegwata;

(4) li, jekk id-dokumentazzjoni tal-assigurazzjoni ssemmi nonkonformitajiet dwar id-disinn jew l-implimentazzjoni tal-kontrolli użati biex tiġi ssodisfata suppożizzjoni, l-azzjonijiet ta' rimedju proposti u implimentati mill-fornitur tal-kartiera u rieżaminati mill-evalwaturi tiegħu ikunu adegwati biex jiggarantixxu li s-suppożizzjoni hija tabilħaqq issodisfata.

ANNESS VII

KONTENUT TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-KONFORMITÀ

1. Identifikatur uniku allokat mill-korp taċ-ċertifikazzjoni li joħroġ iċ-ċertifikat tal-konformità.

2. Informazzjoni relatata mas-soluzzjoni ċċertifikata tal-kartiera u l-iskemi tal-identifikazzjoni elettronika li bihom jingħataw, u dwar id-detentur taċ-ċertifikat tal-konformità, inkluż dan li ġej:
   (a) l-isem tas-soluzzjoni tal-kartiera;
   (b) l-isem tal-iskemi tal-identifikazzjoni elettronika li bihom jingħataw is-soluzzjoni tal-kartiera;
   (c) verżjoni tas-soluzzjoni tal-kartiera li ġiet evalwata;
   (d) l-isem, l-indirizz u l-informazzjoni tal-kuntatt tad-detentur taċ-ċertifikat tal-konformità;
   (e) link għas-sit web tad-detentur taċ-ċertifikat tal-konformità bl-informazzjoni li jeħtieġ tkun disponibbli għall-pubbliku.

3. Informazzjoni relatata mal-evalwazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni tas-soluzzjoni tal-kartiera u l-iskemi tal-identifikazzjoni elettronika li bihom jingħataw, inkluż dawn li ġejjin:
   (a) l-isem, l-indirizz u l-informazzjoni tal-kuntatt tal-korp taċ-ċertifikazzjoni li ħareġ iċ-ċertifikat tal-konformità;
   (b) meta jkun differenti mill-korp taċ-ċertifikazzjoni, isem il-korp tal-valutazzjoni tal-konformità li jkun wettaq l-evalwazzjoni, flimkien ma' informazzjoni dwar l-akkreditazzjoni tiegħu;
   (c) isem is-sid tal-iskema;
   (d) referenzi għar-Regolament (UE) Nru 910/2014 u għal dan ir-Regolament;
   (e) referenza għar-rapport taċ-ċertifikazzjoni assoċjat maċ-ċertifikat tal-konformità;
   (f) referenza għar-rapport tal-valutazzjoni taċ-ċertifikazzjoni assoċjat maċ-ċertifikat tal-konformità;
   (g) referenza għall-istandards użati għall-evalwazzjoni, inkluż il-verżjonijiet tagħhom;
   (h) id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat tal-konformità;
   (i) il-perjodu tal-validità taċ-ċertifikat tal-konformità.

ANNESS VIII

IL-KONTENUT TAR-RAPPORT TAĊ-ĊERTIFIKAZZJONI PUBBLIKA U R-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAĊ-ĊERTIFIKAZZJONI

1. Ir-rapport taċ-ċertifikazzjoni pubblika għandu jkun fih imqar l-aspetti li ġejjin:
   (a) sommarju eżekuttiv;
   (b) l-identifikazzjoni tas-soluzzjoni tal-kartiera u tal-iskema tal-identifikazzjoni elettronika li biha jingħataw;
   (c) deskrizzjoni tas-soluzzjoni tal-kartiera u tal-iskema tal-identifikazzjoni elettronika li biha jingħataw;
   (d) l-informazzjoni dwar is-sigurtà li trid isssir disponibbli għall-pubbliku, kif deskritt fl-Anness V, jew indikazzjoni ta' din l-informazzjoni;
   (e) sommarju tal-awditjar preliminari u tal-pjan tal-validazzjoni;
   (f) sommarju tar-rieżami u tad-deċiżjoni taċ-ċertifikazzjoni.

2. Ir-rapport tal-valutazzjoni taċ-ċertifikazzjoni għandu jkun fih imqar:
   (a) deskrizzjoni tad-disinn tas-soluzzjoni tal-kartiera, tas-sistema tal-identifikazzjoni u tal-proċess tal-inklużjoni, flimkien mal-valutazzjoni tar-riskju u l-pjan speċifiku tal-validazzjoni;
   (b) deskrizzjoni ta' kif is-soluzzjoni tal-kartiera tissodisfa r-rekwiżiti ta' livell għoli tal-assigurazzjoni u ta' kif dan jintwera mir-riżultati tal-valutazzjoni taċ-ċertifikazzjoni tas-soluzzjoni tal-kartiera mwettqa f'konformità ma' dan ir-Regolament;
   (c) deskrizzjoni tar-riżultat tal-valutazzjoni tal-konformità tas-soluzzjoni tal-kartiera u tal-iskema tal-identifikazzjoni elettronika li biha jingħataw l-unitajiet tal-kartiera korrispondenti, b'mod partikolari l-konformità ma' dan li ġej:
      — ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 5a(4), (5) u (8) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014;
      — ir-rekwiżit għas-separazzjoni loġika stabbilit fl-Artikolu 5a(14) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014;
      — meta applikabbli, l-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fl-Artikolu 5a(24) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014, filwaqt li jiddeskrivu kif dawn ir-rekwiżiti jirrelataw mar-rekwiżiti normativi korrispondenti speċifikati mill-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni.
   (d) sommarju tar-riżultat tal-prestazzjoni tal-pjan ta' validazzjoni, inkluż in-nonkonformitajiet identifikati kollha.

ANNESS IX

SKEDA GĦALL-EVALWAZZJONIJIET OBBLIGATORJI TAS-SORVELJANZA

1. L-Artikolu 18 jispeċifika r-rekwiżiti għaċ-ċiklu tal-ħajja taċ-ċertifikazzjoni, b'mod partikolari t-twettiq ta' attivitajiet tal-evalwazzjoni regolari. Dawn l-attivitajiet għandhom jinkludu mqar dan li ġej:

   (a) evalwazzjoni sħiħa tal-oġġett tal-valutazzjoni tal-konformità fl-evalwazzjoni inizjali u f'kull evalwazzjoni taċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid, inkluż karatteristika ta' aġġornament ta' kwalunkwe komponent tal-prodott;

   (b) valutazzjoni tal-vulnerabbiltajiet fl-evalwazzjoni inizjali u f'kull evalwazzjoni taċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid, u mill-inqas kull sentejn fl-evalwazzjonijiet tas-sorveljanza, li tkun tkopri mill-inqas il-bidliet fl-oġġett tal-valutazzjoni tal-konformità u l-bidliet fl-ambjent tat-theddid mill-aħħar valutazzjoni tal-vulnerabbiltajiet;

   (c) attivitajiet addizzjonali bħall-ittestjar tal-penetrazzjoni f'każ ta' livell ogħla tar-riskju jew l-emerġenza ta' theddid ġdid;

   (d) evalwazzjoni tal-effettività operattiva tal-proċessi tal-manutenzjoni, imqar kull sena waqt evalwazzjonijiet ta' sorveljanza u ċertifikazzjoni mill-ġdid, li tkun tkopri mqar proċessi ta' kontroll tal-verżjoni, aġġornament u ġestjoni tal-vulnerabbiltajiet;

   (e) wara deċiżjoni ta' rieżami u ċertifikazzjoni b'suċċess, il-ħruġ ta' ċertifikat tal-konformità wara l-evalwazzjoni inizjali u wara kull evalwazzjoni taċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid.

2. Skeda ta' referenza hija stabbilita fit-Tabella 1 abbażi ta' ċiklu ta' 4 snin, meta:

   (a) is-sena 1 tibda meta ċ-ċertifikat tal-konformità jinħareġ għall-ewwel darba; u

   (b) l-attivitajiet kollha tal-evalwazzjoni għandhom isiru fi żmien 12-il xahar mill-evalwazzjoni tas-sena preċedenti.

3. L-iskeda stabbilita fit-Tabella 1 hija rakkomandazzjoni biex tkun żgurata ċertifikazzjoni mill-ġdid fil-ħin u biex ikun evitat it-tfixkil fil-forniment tas-soluzzjoni tal-kartiera. Skedi oħra jistgħu jkunu possibbli, sakemm il-validità taċ-ċertifikat tal-konformità ma taqbiżx il-ħames snin, kif stabbilit fl-Artikolu 5c(4) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014.

4. Minbarra l-evalwazzjonijiet regolari, tista' tiskatta evalwazzjoni speċjali meta jintalab mill-korp taċ-ċertifikazzjoni jew mid-detentur taċ-ċertifikat tal-konformità, wara bidla sinifikanti fl-oġġett taċ-ċertifikazzjoni jew fl-ambjent tat-theddid.

5. Kull evalwazzjoni, inkluż l-evalwazzjonijiet tas-sorveljanza u l-evalwazzjonijiet speċjali, tista' twassal għall-ħruġ ta' ċertifikat tal-konformità ġdid, b'mod partikolari f'każ ta' bidliet sinifikanti fl-oġġett taċ-ċertifikazzjoni, iżda bl-istess skadenza bħaċ-ċertifikat oriġinali tal-konformità.

Tabella 1:

Ċiklu sħiħ tal-evalwazzjoni ta' 4 snin

Ħin	Tip ta' evalwazzjoni	Attivitajiet
Sena 0	Inizjali	— Evalwazzjoni sħiħa tal-oġġett taċ-ċertifikazzjoni, inkluż l-valutazzjoni tal-vulnerabbiltajiet — Tiddaħħal karatteristika biex isiru aġġornamenti fuq kull komponent tas-software — Evalwazzjoni tal-proċessi tal-manutenzjoni, eskluż l-effettività operattiva tagħhom — Jinħareġ iċ-ċertifikat tal-konformità u l-bidu taċ-ċiklu ta' 4 snin
Sena 1	Sorveljanza	— Evalwazzjoni tal-effettività operattiva tal-proċessi tal-manutenzjoni — Imqar verifika tal-verżjoni, aġġornament, ġestjoni tal-vulnerabbiltajiet — Evalwazzjoni tal-bidliet li jħallu impatt fuq is-sigurtà tal-prodott

Ħin	Tip ta' evalwazzjoni	Attivitajiet
Sena 2	Sorveljanza	— Valutazzjoni tal-vulnerabbiltajiet tas-soluzzjoni sħiħa — Evalwazzjoni tal-effettività operattiva tal-proċessi tal-manutenzjoni — Imqar kontroll tal-verżjoni, aġġornament, ġestjoni tal-vulnerabbiltajiet — Evalwazzjoni tal-bidliet li jħallu impatt fuq is-sigurtà tal-prodott
Sena 3	Sorveljanza	— Evalwazzjoni tal-effettività operattiva tal-proċessi tal-manutenzjoni — Imqar verifika tal-verżjoni, aġġornament, ġestjoni tal-vulnerabbiltajiet — Evalwazzjoni tal-bidliet li jħallu impatt fuq is-sigurtà tal-prodott
Sena 4	Ċertifikazzjoni mill-ġdid	(1) Evalwazzjoni sħiħa tal-oġġett taċ-ċertifikazzjoni, inkluż l-valutazzjoni tal-vulnerabbiltajiet (2) Evalwazzjoni simplifikata għall-karatteristiċi/proċessi li ma nbidlux (3) Tiddaħħal karatteristika biex isiru aġġornamenti fuq kull komponent tas-software (4) Evalwazzjoni tal-proċessi tal-manutenzjoni, inkluż l-effettività operattiva tagħhom (5) Ħruġ ta' ċertifikat tal-konformità ġdid